PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel*

**2010/0377(COD)**

30.6.2011

# EMENDI
# 201 - 332

**Abbozz ta' rapport**
**János Áder**
(PE464.978v01-00)

dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi perikolużi

Proposta għal direttiva
(COM(2010)0781 – C7-0011/2011 – 2010/0377(COD))

**Emenda 201**
**Åsa Westlund**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku ***jkun jista' jagħti l-opinjoni tiegħu*** dwar il-punti li ġejjin: | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku ***jingħata opportunitajiet bikrin u effettivi biex jikkontribwixxi għat-teħid tad-deċiżjonijiet*** dwar il-punti ***u l-proċeduri*** li ġejjin: |

Or. en

**Emenda 202**
**Carl Schlyter, Michèle Rivasi**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku ***jkun jista' jagħti l-opinjoni tiegħu dwar il-punti*** li ġejjin: | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku ***jingħata opportunitajiet bikrin u effettivi biex jipparteċipa fil-punti u l-proċeduri*** li ġejjin: |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jintuża l-kliem standard.*

**Emenda 203**
**Antonyia Parvanova, Vladko Todorov Panayotov, Corinne Lepage**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku ***jkun jista' jagħti l-opinjoni tiegħu dwar il-punti*** li ġejjin: | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku ***jingħata opportunitajiet bikrin u effettivi biex jipparteċipa fil-punti*** li ġejjin: |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex ikun hemm konsistenza mal-Konvenzjoni ta' Aarhus, jintuża l-istess kliem li jintuża fl-Artikolu 24 tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali.*

**Emenda 204**
**Holger Krahmer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku jkun jista' jagħti l-opinjoni tiegħu dwar il-punti li ġejjin: | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***rigward l-istabbilimenti tal-livelli aktar 'il fuq,*** il-pubbliku jkun jista' jagħti l-opinjoni tiegħu dwar il-punti li ġejjin: |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Ikun xieraq li l-involviment sħiħ tal-pubbliku, kif previst mill-Kummissjoni, ikun limitat għaż-żoni tal-istabbilimenti tal-livelli ogħla, li huma ta' rilevanza partikolari. Diversament, l-awtoritajiet ta' infurzar tal-Istati Membri jkollhom jiffaċċjaw kompiti kważi impossibbli mingħajr ma nistennew li jkun hemm żieda fl-għarfien jew fil-livell ta' sikurezza. Il-prattika wriet li s'issa kienet tapplika għal żoni tal-istabbilimenti tal-livelli aktar baxxi.*

**Emenda 205**
**Antonyia Parvanova, Vladko Todorov Panayotov, Corinne Lepage, Åsa Westlund**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt d a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(d a) rapport dwar is-sikurezza skont l-Artikolu 9*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Billi r-rapporti dwar is-sikurezza huma element ewlieni li juru li jkunu ġew identifikati l-perikli ta' inċidenti kbar u x-xenarji possibbli ta' inċidenti kbar u li jkunu ttieħdu l-miżuri meħtieġa biex ma jkunx hemm tali inċidenti, jeħtieġ li l-pubbliku ġenerali jingħata l-opportunità li jiġi kkonsultat dwar din il-kwistjoni.*

**Emenda 206**
**Sabine Wils**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt d a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(d a) ir-rapporti ta' spezzjoni pprovduti mill-awtoritajiet kompetenti f'perjodu ta' erba' xhur wara l-konklużjoni tal-ispezzjoni.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex l-informazzjoni pprovduta lill-pubbliku tkun waħda kompleta u sabiex il-pubbliku jkun jaf dwar il-miżuri preskritti aġġornati, il-kwistjonijiet tar-rapporti ta' spezzjoni għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tiegħu skont ir-rakkomandazzjoni tal-PE u l-Kunsill 331 tal-4.4.2001.*

**Emenda 207**
**Elisabetta Gardini, Oreste Rossi, Sergio Berlato**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) dettalji dwar l-arranġamenti ***għall-Partiċipazzjoni u l-konsultazzjoni*** pubblika li jsiru skont il-paragrafu 5. | (g) dettalji dwar l-arranġamenti ***għall-konsultazzjoni*** pubblika li jsiru skont il-paragrafu 5. |

Or. it

**Emenda 208**
**Holger Krahmer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, f'perjodi ta' żmien xierqa, dan li ġej ikun disponibbli għall-pubbliku konċernat:*** | ***imħassar*** |
| ***a) skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, ir-rapporti ewlenin u l-parir maħruġ lill-awtorità jew lill-awtoritajiet kompetenti fiż-żmien meta l-pubbliku konċernat ikun ġie infurmat skont il-paragrafu 2;*** | |
| ***b) skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/4/KE informazzjoni għajr dik imsemmija fil-paragrafu 2 li tkun rilevanti għad-deċiżjoni konċernata u li ssir disponibbli biss wara li l-pubbliku konċernat ikun ġie infurmat skont il-paragrafu 2.*** | |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Id-Direttiva 2003/4/KE tirregola b'mod komprensiv l-aċċess tal-pubbliku għall-informazzjoni ambjentali. Tirregola wkoll id-drittijiet ta' dawk involuti fil-proċedura. B'hekk, bl-għan li tkun evitata r-regolamentazzjoni doppja, il-paragrafi mit-3 sas-6 jitqiesu bħala żejda.*

**Emenda 209**
**Holger Krahmer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku konċernat ikollu l-jedd li jesprimi kummenti u opinjonijiet lill-awtorità kompetenti qabel ma tittieħed deċiżjoni u li r-riżultati tal-konsultazzjonijiet li jkunu saru skont il-paragrafu 1 ikunu ġew ikkunsidrati kif xieraq fit-teħid tad-deċiżjoni.*** | ***imħassar*** |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Id-Direttiva 2003/4/KE tirregola b'mod komprensiv l-aċċess tal-pubbliku għall-informazzjoni ambjentali. Tirregola wkoll id-drittijiet ta' dawk involuti fil-proċedura. B'hekk, bl-għan li tkun evitata r-regolamentazzjoni doppja, il-paragrafi mit-3 sas-6 jitqiesu bħala żejda.*

**Emenda 210**
**Pavel Poc**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku konċernat ***ikollu l-jedd li jesprimi kummenti*** u ***opinjonijiet lill-awtorità kompetenti*** qabel ma tittieħed deċiżjoni u li r-riżultati tal-konsultazzjonijiet li jkunu saru skont il-paragrafu 1 ikunu ġew ikkunsidrati kif xieraq fit-teħid tad-deċiżjoni. | 4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku konċernat ***jingħata opportunitajiet bikrija*** u ***effettivi biex jipparteċipa fil-proċeduri*** qabel ma tittieħed deċiżjoni u li r-riżultati tal-konsultazzjonijiet li jkunu saru skont il-paragrafu 1 ikunu ġew ikkunsidrati kif xieraq fit-teħid tad-deċiżjoni. |

Or. en

**Emenda 211**
**Holger Krahmer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***5. L-arranġamenti dettaljati sabiex il-pubbliku konċernat jiġi infurmat u kkonsultat għandhom jiġu ddeterminati mill-Istati Membri.*** | ***imħassar*** |
| ***Għandu jkun hemm perjodi ta' żmien raġonevoli għall-fażijiet differenti, li jippermettu żmien biżżejjed biex il-pubbliku jiġi infurmat u biex il-pubbliku konċernat ikun jista' jħejji ruħu u jipparteċipa b'mod effettiv fit-teħid ta' deċiżjonijiet ambjentali, soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.*** | |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Id-Direttiva 2003/4/KE tirregola b'mod komprensiv l-aċċess tal-pubbliku għall-informazzjoni ambjentali. Tirregola wkoll id-drittijiet ta' dawk involuti fil-proċedura. B'hekk, bl-għan li tkun evitata r-regolamentazzjoni doppja, il-paragrafi mit-3 sas-6 jitqiesu bħala żejda.*

**Emenda 212**
**Elisabetta Gardini, Oreste Rossi, Sergio Berlato**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 5 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għandu jkun hemm perjodi ta' żmien raġonevoli għall-fażijiet differenti, li jippermettu żmien biżżejjed biex il-pubbliku jiġi infurmat ***u biex il-pubbliku konċernat ikun jista' jħejji ruħu u jipPartieċipa b'mod effettiv fit-teħid ta' deċiżjonijiet ambjentali,*** soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu. | Għandu jkun hemm perjodi ta' żmien raġonevoli għall-fażijiet differenti, li jippermettu żmien biżżejjed biex il-pubbliku jiġi infurmat, soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu ***mingħajr ma jwassal għal dewmien jew kumplikazzjonijiet mhux xierqa fiż-żmien tat-teħid tad-deċiżjonijiet u tal-azzjonijiet ta' implimentazzjoni relatati***. |

Or. it

**Emenda 213**
**Holger Krahmer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta jittieħdu d-deċiżjonijiet rilevanti, l-awtorità kompetenti għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku:*** | ***imħassar*** |
| ***a) il-kontenut tad-deċiżjoni u r-raġunijiet li fuqhom din tkun ġiet ibbażata, inklużi kwalunkwe aġġornamenti sussegwenti;*** | |
| ***b) ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet li jkunu saru qabel ma tkun ittieħdet id-deċiżjoni u spjegazzjoni dwar kif dawn ġew ikkunsidrati f'dik id-deċiżjoni.*** | |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Id-Direttiva 2003/4/KE tirregola b'mod komprensiv l-aċċess tal-pubbliku għall-informazzjoni ambjentali. Tirregola wkoll id-drittijiet ta' dawk involuti fil-proċedura. B'hekk, bl-għan li tkun evitata r-regolamentazzjoni doppja, il-paragrafi mit-3 sas-6 jitqiesu bħala żejda.*

**Emenda 214**
**Paolo Bartolozzi**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 6 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet li jkunu saru qabel ma tkun ittieħdet id-deċiżjoni ***u spjegazzjoni dwar kif dawn ġew ikkunsidrati f'dik id-deċiżjoni***. | (b) ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet li jkunu saru qabel ma tkun ittieħdet id-deċiżjoni. |

Or. it

**Emenda 215**
**Elisabetta Gardini, Oreste Rossi, Sergio Berlato**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 6 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet li jkunu saru qabel ma tkun ittieħdet id-deċiżjoni ***u spjegazzjoni dwar kif dawn ġew ikkunsidrati f'dik id-deċiżjoni***. | (b) ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet li jkunu saru qabel ma tkun ittieħdet id-deċiżjoni. |

Or. it

*Ġustifikazzjoni*

*Id-Direttiva li timplimenta l-Konvenzjoni ta' Aarhus ma tipprevedix id-dispożizzjoni li għandha titħassar b'din l-emenda. Abbażi ta' dan, ma tiġix rikonoxxuta l-ħtieġa tal-introduzzjoni ta' sistema li taħbi r-riskju reali li jġib miegħu l-fatt li l-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, ta' natura strettament teknika, jinbidlu fi proċessi ta' natura politika mhux appoġġati minn elementi tekniċi.*

**Emenda 216**
**Carl Schlyter, Michèle Rivasi**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Informazzjoni li trid tiġi pprovduta mill-operatur wara li jseħħ inċident kbir | Informazzjoni li trid tiġi pprovduta mill-operatur ***u azzjonijiet li jridu jittieħdu*** wara li jseħħ inċident kbir |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Dan l-Artikolu ma jirrigwardax biss l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-operatur (paragrafu 1), iżda jirrigwarda wkoll l-azzjonijiet u l-passi li għandhom jittieħdu mill-awtorità kompetenti u mill-operatur (paragrafu 2).*

**Emenda 217**
**Sabine Wils**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 2 – punt d a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(d a) il-pubbliku kkonċernat jiġi infurmat dwar l-inċident rilevanti u dwar il-miżuri li jieħu l-operatur u dwar l-inizjattivi li tieħu l-awtorità kompetenti.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Inċident rilevanti għandu jinvolvi lill-pubbliku kkonċernat biex dan jingħata l-opportunità li jkun jaf dwar il-miżuri konsistenti li jittieħdu kemm mill-operatur kif ukoll mill-awtorità kompetenti.*

**Emenda 218**
**Carl Schlyter, Michèle Rivasi**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Awtorità kompetenti | Awtorità kompetenti ***u forum*** |

Or. en

*(Marbuta mal-emenda għall-Artikolu 17(2) mill-istess awturi.)*

*Ġustifikazzjoni*

*Il-forum m'għandux ikun magħmul biss minn rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti, għalhekk it-titolu jeħtieġ li jiġi emendat.*

**Emenda 219**
**Holger Krahmer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Il-Kummissjoni għandha tlaqqa' b'mod regolari forum li jkun magħmul mir-rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. L-awtoritajiet kompetenti u l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw*** *f'attivitajet* ***li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.*** | ***imħassar*** |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Biex il-Kummissjoni tingħata pariri u appoġġ espert f'dan il-qasam, diġà jeżistu l-korpi IMPEL (Netwerk tal-Unjoni Ewropea għall-Implimentazzjoni u l-Infurzar tal-Liġi Ambjentali) u CCA (Kumitat tal-Awtoritajiet Kompetenti) biex jagħmlu dan. Korp ieħor ikun kontraproduttiv u għalhekk żejjed fid-dawl ta' ġestjoni baġitarja ekonomika u effettiva.*

**Emenda 220**
**Corinne Lepage**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni għandha tlaqqa' ***b'mod regolari*** forum li jkun magħmul mir-rappreżentanti ***tal-awtoritajiet kompetenti*** tal-Istati Membri. ***L-awtoritajiet kompetenti*** u ***l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw*** *f'attivitajet* li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. | 2. Il-Kummissjoni għandha ***tistabbilixxi u, tal-anqas fuq bażi annwali,*** tlaqqa' forum ***Seveso*** li jkun magħmul mir-rappreżentanti tal-Istati Membri u ***minn numru ndaqs ta' rappreżentanti bejn l-industriji kkonċernati, mir-rappreżentanti ta' ħaddiema u ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-protezzjoni tas-saħħa u l-ambjent. Dan il-forum għandu jikkoopera mal-Kummissjoni*** *f'attivitajiet* li jappoġġaw l-implimentazzjoni ***u l-adattamenti tekniċi*** ta' din id-Direttiva. |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tikseb l-opinjoni tal-forum Seveso dwar l-arranġamenti prattiċi u partikolarment dwar dan li ġej:*** |
| | ***a) ir-regoli ta' proċedura tal-forum;*** |

| | |
|---|---|
| | ***b) il-mandat tal-forum meta jittieħdu inkunsiderazzjoni l-punti msemmija fil-paragrafu 3.*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tqiegħed l-opinjonijiet tal-forum għad-dispożizzjoni tal-pubbliku u għandha tikkunsidrahom fir-rigward tal-proċeduri stipulati f'dan l-Artikolu.*** |

Or. en

**Emenda 221**
**Carl Schlyter, Michèle Rivasi**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni għandha tlaqqa' b'mod regolari forum li jkun magħmul mir-rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. ***L-awtoritajiet kompetenti*** u ***l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw f'attivitajet li*** jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. | 2. Il-Kummissjoni għandha tlaqqa' b'mod regolari forum li jkun magħmul mir-rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, ***mir-rappreżentanti tal-industrija, il-ħaddiema*** u ***l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, li jippromwovu l-protezzjoni tas-saħħa pubblika u/jew tal-ambjent,*** li jappoġġaw ***l-applikazzjoni,*** l-implimentazzjoni ***u l-adattament tekniku*** ta' din id-Direttiva. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-forum għandu jinkludi lil partijiet interessati rilevanti oħra u għandu jiġi kkonsultat dwar l-applikazzjoni, l-implimentazzjoni u l-adattament ta' din id-Direttiva. Ma jeħtieġx li jkun hemm klawżola oħra dwar il-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti, billi din għandha jitqies bħala fatt.*

**Emenda 222**
**Åsa Westlund**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, u tlaqqa' b'mod regolari, forum Seveso magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri, rappreżentanti tal-industriji kkonċernati, rappreżentanti ta' ħaddiema u organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa. Il-forum għandu jikkoopera mal-Kummissjoni f'attivitajiet li jappoġġaw l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-adattamenti tekniċi ta' din id-Direttiva.*** |

Or. en

**Emenda 223**
**Edite Estrela**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 17 a*** |
| | ***Proċedura tal-Kumitat*** |
| | ***1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat stabbilit bid-Direttiva 96/82/KE. Dan il-Kumitat għandu jkun kumitat fi ħdan it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*** |
| | ***2. Fejn jissemma dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kriterji, li jiddeterminaw liema stabbilimenti tal-livelli aktar baxxi għandhom jimplimentaw il-MAPP permezz ta' SMS, għandhom jiġu stabbiliti minn proċedura li tippermetti lill-kumitat jagħmel evalwazzjoni teknika minn qabel u jagħti l-opinjoni tiegħu.*

**Emenda 224**
**Carl Schlyter, Michèle Rivasi**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-użu jew il-bidu tal-użu ta' kwalunkwe stabbiliment, stallazzjoni jew faċilità ta' ħażna, jew kwalunkwe *Partii* minn dawn fejn il-miżuri meħuda mill-operatur għall-prevenzjoni u l-mitigazzjoni ta' inċidenti kbar ikollhom nuqqasijiet ***serji***. | L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-użu jew il-bidu tal-użu ta' kwalunkwe stabbiliment, stallazzjoni jew faċilità ta' ħażna, jew kwalunkwe *Parti* minn dawn fejn il-miżuri meħuda mill-operatur għall-prevenzjoni u l-mitigazzjoni ta' inċidenti kbar ikollhom nuqqasijiet ***b'mod ċar, inkluż fejn l-operatur ma jkunx ħa l-azzjonijiet meħtieġa identifikati fir-rapport ta' spezzjoni u fiż-żmien stabbilit skont l-Artikolu 19(7)***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Li xi ħaġa jkollha nuqqasijiet serji jew le hija kwistjoni ta' apprezzament, u għalhekk hemm ir-riskju li tkun kontroversjali. Kwalunkwe nuqqas ċar għandhom iwasslu għal projbizzjoni tal-użu. In-nuqqas milli tittieħed l-azzjoni meħtieġa identifikata fir-rapport ta' spezzjoni huwa nuqqas ċar u għandu jwassal għal projbizzjoni tal-użu.*

**Emenda 225**
**Carl Schlyter, Michèle Rivasi**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-użu jew il-bidu tal-użu ta' kwalunkwe stabbiliment, stallazzjoni jew faċilità ta' ħażna, jew kwalunkwe *Partii* minn dawn jekk l-operatur ma jkunx ippreżenta n-notifika, ir-rapporti jew informazzjoni oħra meħtieġa b'din id-Direttiva fil-perjodu | *(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija)* |

speċifikat.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija)*

**Emenda 226**
**Riikka Manner**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 19 – paragrafu 4 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fuq il-bażi tal-pjanijiet ta' spezzjoni msemmija fil-paragrafu 3, l-awtorità kompetenti għandha tfassal b'mod regolari programm għal spezzjonijiet ta' rutina fl-istabbilimenti kollha, inkluża l-frekwenza ***taż-żjajjar fuq il-post*** għal tipi differenti ta' stabbilimenti. | Fuq il-bażi tal-pjanijiet ta' spezzjoni msemmija fil-paragrafu 3, l-awtorità kompetenti għandha tfassal b'mod regolari programm għal spezzjonijiet ta' rutina fl-istabbilimenti kollha, inkluża l-frekwenza ***tal-ispezzjonijiet*** għal tipi differenti ta' stabbilimenti. |

Or. en

**Emenda 227**
**Riikka Manner**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 19 – paragrafu 4 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-perjodu bejn żewġ ***żjajjar fuq il-post*** għandu jiġi bbażat fuq valutazzjoni sistematika tal-perikli ta' inċidenti kbar tal-istabbilimenti konċernati ***u*** ma għandux jaqbeż sena għall-istabbilimenti tal-livelli ogħla u tliet snin għall-istabbilimenti tal-livelli aktar baxxi. Jekk spezzjoni tkun identifikat każ importanti ta' nuqqas ta' konformità ma' din id-Direttiva, għandha ssir żjara oħra fuq il-post fi żmien sitt xhur. | Il-perjodu bejn żewġ ***spezzjonijiet*** għandu jiġi bbażat fuq valutazzjoni sistematika tal-perikli ta' inċidenti kbar tal-istabbilimenti konċernati. ***Il-perjodu bejn żewġ spezzjonijiet normalment*** ma għandux jaqbeż sena għall-istabbilimenti tal-livelli ogħla u tliet snin għall-istabbilimenti tal-livelli aktar baxxi. ***Madankollu, l-awtorità kompetenti tista' tqassar jew ittawwal il-perjodu bejn żewġ spezzjonijiet abbażi tal-valutazzjoni dokumentata sistematika tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***perikli ta' inċidenti kbar u r-rekord tal-konformità mar-rekwiżiti ta' din id-direttiva.*** Jekk spezzjoni tkun identifikat każ importanti ta' nuqqas ta' konformità ma' din id-Direttiva, għandha ssir żjara oħra fuq il-post fi żmien sitt xhur. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Stabbilimenti tal-livelli ogħla jiġu spezzjonati skont id-Direttiva Seveso II tal-anqas kull sena. F'ċerti Stati Membri l-perjodu bejn żewġ spezzjonijiet seta' jiqsar jew jitwal abbażi tal-valutazzjoni sistematika tal-perikli ta' inċidenti kbar u partikolarment ir-rekord tal-konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva Seveso II. Billi r-riżorsi għal dawn l-ispezzjonijiet ta' Seveso huma limitati f'ċerti Stati Membri, jeħtieġ li jibqa' jkun hemm il-possibilità għal din il-flessibilità anke fid-Direttiva Seveso III, biex jiġi evitat li jsiru spezzjonijiet mhux meħtieġa.*

**Emenda 228**
**Holger Krahmer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 19 – paragrafu 4 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-perjodu bejn żewġ żjajjar fuq il-post ***għandu jiġi bbażat fuq valutazzjoni sistematika tal-perikli ta' inċidenti kbar tal-istabbilimenti konċernati u*** ma għandux jaqbeż sena għall-istabbilimenti tal-livelli ogħla u tliet snin għall-istabbilimenti tal-livelli aktar baxxi. Jekk spezzjoni tkun identifikat każ importanti ta' nuqqas ta' konformità ma' din id-Direttiva, għandha ssir żjara oħra fuq il-post fi żmien sitt xhur. | Il-perjodu bejn żewġ żjajjar fuq il-post ma għandux jaqbeż sena għall-istabbilimenti tal-livelli ogħla u tliet snin għall-istabbilimenti tal-livelli aktar baxxi, ***sakemm l-awtorità kompetenti ma tkunx fasslet programm ta' spezzjoni bbażat fuq valutazzjoni sistematika tal-perikli ta' inċidenti kbar tal-istabbilimenti kkonċernati***. Jekk spezzjoni tkun identifikat każ importanti ta' nuqqas ta' konformità ma' din id-Direttiva, għandha ssir żjara oħra fuq il-post fi żmien sitt xhur. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-istrettezza akbar tal-leġiżlazzjoni fil-proposta tal-Kummissjoni mhijiex iġġustifikata fir-rigward tat-teknoloġija tas-sikurezza. Is-sistema attwali, li tieħu inkunsiderazzjoni l-programm ta' spezzjoni, uriet il-valur tagħha u qed tipprovdi lill-awtoritajiet, il-flessibilità*

*meħtieġa ta' programm ta' spezzjoni orjentat lejn ir-riskju. L-emenda proposta twassal biex l-operaturi u l-awtoritajiet ikollhom spejjeż żejda mingħajr ma jkun hemm kisbiet addizzjonali fir-rigward tas-sikurezza.*

**Emenda 229**
**Elisabetta Gardini, Sergio Berlato**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 19 – paragrafu 4 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-perjodu bejn żewġ żjajjar fuq il-post għandu jiġi bbażat fuq valutazzjoni sistematika tal-perikli ta' inċidenti kbar tal-istabbilimenti konċernati u ma għandux jaqbeż sena għall-istabbilimenti tal-livelli ogħla u tliet snin għall-istabbilimenti tal-livelli aktar baxxi. Jekk spezzjoni tkun identifikat każ importanti ta' nuqqas ta' konformità ma' din id-Direttiva, għandha ssir żjara oħra fuq il-post fi żmien sitt xhur. | Il-perjodu bejn żewġ żjajjar fuq il-post għandu jiġi bbażat fuq valutazzjoni sistematika tal-perikli ta' inċidenti kbar tal-istabbilimenti konċernati u ma għandux jaqbeż sena għall-istabbilimenti tal-livelli ogħla u tliet snin għall-istabbilimenti tal-livelli aktar baxxi, ***sakemm l-awtorità kompetenti ma tkunx fasslet programm sistematiku ta' spezzjoni abbażi ta' valutazzjoni tal-perikli ta' inċidenti rilevanti tal-istabbiliment***. Jekk spezzjoni tkun identifikat każ importanti ta' nuqqas ta' konformità ma' din id-Direttiva, għandha ssir żjara oħra fuq il-post fi żmien sitt xhur. |

Or. it

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-istrettezza akbar fil-leġiżlazzjoni mhijiex iġġustifikata fir-rigward tat-teknoloġija u s-sikurezza. Is-sistema attwali, li tieħu inkunsiderazzjoni l-programm ta' spezzjoni, uriet il-valur tagħha u qed tipprovdi lill-awtorità, il-flessibilità meħtieġa ta' programm ta' spezzjoni orjentat lejn ir-riskju.*

**Emenda 230**
**Carl Schlyter, Michèle Rivasi**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 19 – paragrafu 4 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-perjodu bejn żewġ żjajjar fuq il-post għandu jiġi bbażat fuq valutazzjoni sistematika tal-perikli ta' inċidenti kbar tal-istabbilimenti konċernati u ma għandux jaqbeż sena għall-istabbilimenti tal-livelli ogħla u ***tliet snin*** għall-istabbilimenti tal-livelli aktar baxxi. Jekk spezzjoni tkun identifikat każ importanti ta' nuqqas ta' konformità ma' din id-Direttiva, għandha ssir żjara oħra fuq il-post fi żmien sitt xhur. | Il-perjodu bejn żewġ żjajjar fuq il-post għandu jiġi bbażat fuq valutazzjoni sistematika tal-perikli ta' inċidenti kbar tal-istabbilimenti konċernati u ma għandux jaqbeż sena għall-istabbilimenti tal-livelli ogħla u ***sentejn*** għall-istabbilimenti tal-livelli aktar baxxi. Jekk spezzjoni tkun identifikat każ importanti ta' nuqqas ta' konformità ma' din id-Direttiva, għandha ssir żjara oħra fuq il-post fi żmien sitt xhur. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Mhuwiex xieraq li tiġi applikata l-istess frekwenza ta' spezzjonijiet għall-istabbilimenti tal-livelli aktar baxxi bħal dik applikata għall-istallazzjonijiet li jkollhom l-anqas riskju skont id-DEI (tliet snin). L-istabbilimenti tal-livelli aktar baxxi għandhom jiġu spezzjonati tal-anqas kull sentejn, u kull sentejn għandha ssirilhom ukoll spezzjoni li mhijiex ta' rutina (ara l-emenda tal-Artikolu 19(6) mill-istess awturi).*

**Emenda 231**
**Gaston Franco**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 19 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| c) *il-Partieċipazzjoni* tal-operatur fl-iskema ta' ekoġestjoni u awditjar tal-Unjoni (EMAS), skont ir-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15] . | c) *il-Parteċipazzjoni* tal-operatur fl-iskema ta' ekoġestjoni u awditjar tal-Unjoni (EMAS), skont ir-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15] ***jew skema ta' ekoġestjoni ekwivalenti rikonoxxuta***. |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa tajjeb ukoll li wieħed ikun jista' jibbaża ruħu fuq skemi ta' ekoġestjoni rikonoxxuti oħra, differenti mill-EMAS, pereżempju l-ISO, li ta' spiss jintużaw mill-intrapriżi stabbiliti internazzjonalment. Din it-talba hija konformi mad-dispożizzjonijiet tal-punt a) tal-Anness III*

*ta' din il-proposta għal Direttiva.*

**Emenda 232**
**Carl Schlyter, Michèle Rivasi**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 19 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. L-ispezzjonijiet mhux ta' rutina għandhom isiru biex jiġu investigati kemm jista' jkun malajr ilmenti serji, inċidenti serji u inċidenti oħrajn li kważi seħħew, kif ukoll inċidenti u okkorrenzi ta' nuqqas ta' konformità. | 6. L-ispezzjonijiet mhux ta' rutina għandhom isiru ***darba kull sena għal stabbilimenti tal-livelli ogħla u darba kull sentejn għall-istabbilimenti tal-livelli aktar baxxi, u*** biex jiġu investigati kemm jista' jkun malajr ilmenti serji, inċidenti serji u inċidenti oħrajn li kważi seħħew, kif ukoll inċidenti u okkorrenzi ta' nuqqas ta' konformità. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Spezzjonijiet mhux ta' rutina (jew għal għarrieda) għandhom ukoll ikunu mezzi standard biex tiġi spezzjonata l-konformità tal-istallazzjonijiet kollha.*

**Emenda 233**
**Holger Krahmer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 19 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Fi żmien ***xahrejn*** minn kull żjara, l-awtorità kompetenti għandha tikkomunika lill-operatur il-konklużjonijiet taż-żjara u l-azzjonijiet kollha meħtieġa li jkunu ġew identifikati. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-operatur jieħu dawn l-azzjonijiet kollha meħtieġa f'perjodu raġonevoli wara li jkun irċieva l-komunikazzjoni. | 7. Fi żmien ***sitt xhur*** minn kull żjara, l-awtorità kompetenti għandha tikkomunika lill-operatur il-konklużjonijiet taż-żjara u l-azzjonijiet kollha meħtieġa li jkunu ġew identifikati. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-operatur jieħu dawn l-azzjonijiet kollha meħtieġa f'perjodu raġonevoli wara li jkun irċieva l-komunikazzjoni. |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Normalment ir-riżultati tal-ispezzjoni jiġu pproċessati mill-awtorità, li fejn ikun xieraq, għandha tipproponi miżuri. Għaldaqstant, il-perjodu ta' xahrejn kif previst mill-Kummissjoni mhuwiex adegwat.*

**Emenda 234**
**Pavel Poc**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 19 – paragrafu 7 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Ir-rapport ta' spezzjoni bl-azzjonijiet meħtieġa identifikati, flimkien mal-iskadenzi ċari għall-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet mill-operatur, għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fi żmien 4 xhur minn meta ssir iż-żjara fis-sit.*** |

Or. en

**Emenda 235**
**Vladko Todorov Panayotov**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 19 – paragrafu 8 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8 a. Fejn l-aqwa sistemi ta' kontroll tat-teknoloġiji disponibbli jkunu fis-seħħ, l-ispezzjonijiet jistgħu jiġu kkoordinati mad-dejta disponibbli biex jiġu ffaċilitati l-ispezzjonijiet.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-Artikolu 19 tal-abbozz ta' Direttiva huwa maħsub biex isaħħaħ il-kriterji ta' spezzjoni tal-*

*impjanti industrijali. L-użu tal-aqwa tagħmir disponibbli tal-ICT għall-monitoraġġ u l-kontroll, jista' jkun mod kif jiġu ottimizzati l-ispezzjonijiet u r-riżultati li jinkisbu dwar l-impjanti inkwistjoni.*

**Emenda 236**
**Holger Krahmer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 20 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fl-Anness V, jew sommarju tagħha fil-każ tal-informazzjoni msemmija fil-parti 2 tal-Anness V, tkun disponibbli f'format elettroniku lill-Kummissjoni, u li din tiġi aġġornata fuq bażi kontinwa.*** | ***imħassar*** |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Skont l-Artikolu 13(1), id-dejta diġà hija għad-dispożizzjoni ta' kull persuna interessata f'format elettroniku. M'hemm ebda evidenza dwar il-benefiċċju li suppost toffri bażi tad-dejta addizzjonali.*

**Emenda 237**
**Holger Krahmer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 20 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm aġġornat bażi tad-dejta elettronika li jkollha l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri skont il-paragrafu 2.***<br>***Il-Kummissjoni għandha, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, tistabbilixxi sistemi awtomatizzati ta' skambju ta' dejta u format ta' rappurtar li jridu jintużaw għall-komunikazzjoni tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 sal-1 ta' Jannar*** | ***imħassar*** |

***2015.***

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Skont l-Artikolu 13(1), id-dejta diġà hija għad-dispożizzjoni ta' kull persuna interessata f'format elettroniku. M'hemm ebda evidenza dwar il-benefiċċju li suppost toffri bażi tad-dejta addizzjonali.*

**Emenda 238**
**Richard Seeber**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 20 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-bażijiet tad-dejta msemmija fil-paragrafi 3 u 5 disponibbli għall-pubbliku. | 7. ***Skont l-Artikolu 21,*** il-Kummissjoni għandha tagħmel il-bażijiet tad-dejta msemmija fil-paragrafi 3 u 5 disponibbli għall-pubbliku. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jiġu ċċarat li l-obbligi ta' pubblikazzjoni skont l-Artikolu 20(7) huma soġġetti wkoll għall-prinċipji tad-Direttiva dwar it-Tagħrif Ambjentali.*

**Emenda 239**
**Holger Krahmer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 21*** | ***imħassar*** |
| ***Kunfidenzjalità*** | |
| ***1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, fl-interessi tat-trasparenza, li l-awtoritajiet kompetenti jkunu meħtieġa jagħmlu disponibbli l-informazzjoni li huma jkunu*** | |

***rċevew skont din id-Direttiva għal kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tkun talbet dan.***

***2. It-talbiet għall-informazzjoni miksuba mill-awtoritajiet kompetenti skont din id-Direttiva jistgħu jiġu miċħuda meta l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2003/4/KE jkunu ssodisfati.***

***3.L-aċċess għall-informazzjoni sħiħa msemmija fl-Artikolu 13(2)(b) u (c) li tkun inkisbet mill-awtoritajiet kompetenti jista' jiġi miċħud jekk l-operatur ikun talab biex ma jiġux żvelati ċerti partijiet tar-rapport dwar is-sikurezza jew l-inventarju tas-sustanzi perikolużi għar-raġunijiet previsti fil-punti (b), (d), (e) jew (f) tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2003/4/KE.***

***L-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi wkoll, għall-istess raġunijiet, li ċerti partijiet tar-rapport jew l-inventarju ma għandhomx jiġu żvelati. F'każijiet bħal dawn, u bl-approvazzjoni tal-awtorità kompetenti, l-operatur għandu jipprovdi lill-awtorità, u jagħmel disponibbli għall-pubbliku, rapport jew inventarju emendat li jeskludi dawk il-partijiet.***

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*L-obbligu ta' informazzjoni kif ukoll il-possibilitajiet ta' aċċess għall-qrati, mhumiex irregolati biżżejjed fid-direttivi eżistenti. L-inklużjoni tagħhom f'dan il-punt tfisser regolamentazzjoni doppja u għalhekk hija żejda.*

**Emenda 240**
**Miroslav Ouzký**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 21 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. It-talbiet għall-informazzjoni miksuba | 2. It-talbiet għall-informazzjoni miksuba |

| | |
|---|---|
| mill-awtoritajiet kompetenti skont din id-Direttiva jistgħu jiġu miċħuda meta l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu ***4(2)*** tad-Direttiva 2003/4/KE jkunu ssodisfati. | mill-awtoritajiet kompetenti skont din id-Direttiva jistgħu jiġu miċħuda meta l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu ***4*** tad-Direttiva 2003/4/KE jkunu ssodisfati. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Mhuwiex ċar għalfejn għadd limitat ta' eċċezzjonijiet biss, għad-dritt eżawrjenti għall-informazzjoni, għandhom ikunu jistgħu jiġu invokati fejn l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2003/4 fih ħafna aktar eċċezzjonijiet, pereżempju meta t-talbiet ikunu manifestament irraġonevoli, ifformulati b'mod ġenerali wisq jew meta t-talba tirrigwarda l-proċeduri li jkunu qed isiru dak iż-żmien. Huwa fl-interess ta' amministrazzjoni li tiffunzjona li dawn it-talbiet jistgħu jiġu rrifjutati.*

**Emenda 241**
**Carl Schlyter, Michèle Rivasi**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 21 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-aċċess għall-informazzjoni sħiħa msemmija fl-Artikolu 13(2)(b) u (c) li tkun inkisbet mill-awtoritajiet kompetenti jista' jiġi miċħud jekk l-operatur ikun talab biex ma jiġux żvelati ċerti *Partiijiet* tar-rapport dwar is-sikurezza ***jew l-inventarju tas-sustanzi perikolużi*** għar-raġunijiet previsti fil-punti (b), (d), (e) jew (f) tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2003/4/KE. | ***Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4(2) it-tieni subparagrafu tad-Direttiva 2003/4/KE,*** l-aċċess għall-informazzjoni sħiħa msemmija fl-Artikolu 13(2)(b) u (c) li tkun inkisbet mill-awtoritajiet kompetenti jista' jiġi miċħud jekk l-operatur ikun talab biex ma jiġux żvelati ċerti *Partijiet* tar-rapport dwar is-sikurezza għar-raġunijiet previsti fil-punti (b), (d), (e) jew (f) tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2003/4/KE. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jiġi ċċarat li sempliċi talba għall-kunfidenzjalità ma tintitolax lil Stat Membru jiċħad l-aċċess, iżda dejjem jeħtieġ li t-talba tiġi evalwata fl-isfond tal-interess pubbliku garantit mill-iżvelar, skont l-Artikolu 4(2), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2003/4/KE. L-inventarju dejjem għandu jkun disponibbli (marbut mal-emenda korrispondenti tal-Anness V). Huwa diffiċli li tinftehem ir-raġuni għala d-drittijiet tal-proprjetà individwali (punt e) jistgħu jintużaw biex tintalab il-kunfidenzjalità għar-rapport dwar is-sikurezza.*

**Emenda 242**
**Sabine Wils**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 21 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-aċċess għall-informazzjoni sħiħa msemmija fl-Artikolu 13(2)(b) u (c) li tkun inkisbet mill-awtoritajiet kompetenti jista' jiġi miċħud jekk l-operatur ikun talab biex ma jiġux żvelati ċerti *Partijiet* tar-rapport dwar is-sikurezza ***jew l-inventarju tas-sustanzi perikolużi*** għar-raġunijiet previsti fil-punti (b), (d), (e) jew (f) tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2003/4/KE. | L-aċċess għall-informazzjoni sħiħa msemmija fl-Artikolu 13(2)(b) u (c) li tkun inkisbet mill-awtoritajiet kompetenti jista' jiġi miċħud jekk l-operatur ikun talab biex ma jiġux żvelati ċerti *Partijiet* tar-rapport dwar is-sikurezza għar-raġunijiet previsti fil-punti (b), (d), (e) jew (f) tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2003/4/KE. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jiġi ppubblikat inventarju sempliċi tas-sustanzi perikolużi sabiex l-awtoritajiet kompetenti u l-pubbliku kkonċernat jkunu jistgħu jivverifikaw b'mod prekawzjonarju, il-konsistenza tal-pjanijiet ta' emerġenza skont ir-riskju marbut mal-ħażna jew mal-produzzjoni ta' tali sustanzi.*

**Emenda 243**
**Sabine Wils**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 21 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi u tagħti l-opinjoni tagħha dwar it-talba għall-kunfidenzjalità mill-operatur.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kwistjoni dwar jekk għandhiex tiġi aċċettata klawżola ta' nonżvelar, f'każ li din tintalab minn operatur, għandha tiġi kkunsidrata u evalwata mill-awtorità kompetenti filwaqt li, jekk*

*ikun jeħtieġ, il-korpi jew il-pubbliku kkonċernati jkunu jistgħu japplikaw din id-deċiżjoni tagħha skont id-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 22.*

**Emenda 244**
**Carl Schlyter, Michèle Rivasi**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 21 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi wkoll, għall-istess raġunijiet, li ċerti *Partiijiet* tar-rapport ***jew l-inventarju*** ma għandhomx jiġu żvelati. F'każijiet bħal dawn, u bl-approvazzjoni tal-awtorità kompetenti, l-operatur għandu jipprovdi lill-awtorità, u jagħmel disponibbli għall-pubbliku, rapport ***jew inventarju*** emendat li jeskludi dawk *il-Partiijiet.* | L-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi wkoll, għall-istess raġunijiet, li ċerti *Partijiet* tar-rapport ma għandhomx jiġu żvelati. F'każijiet bħal dawn, u bl-approvazzjoni tal-awtorità kompetenti, l-operatur għandu jipprovdi lill-awtorità, u jagħmel disponibbli għall-pubbliku, rapport emendat li jeskludi dawk *il-Partijiet.* |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-inventarju dejjem għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni (b'rabta mal-emenda korrispondenti tal-Anness V).*

**Emenda 245**
**Holger Krahmer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *Artikolu 22* | ***imħassar*** |
| ***Aċċess għall-ġustizzja*** | |
| ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-membri tal-pubbliku konċernati jkunu jistgħu jitolbu li ssir analiżi skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2003/4/KE tal-atti jew l-omissjonijiet ta' awtorità kompetenti fir-rigward ta' kwalunkwe talba għall-*** | |

***informazzjoni skont l-Artikolu 13 jew l-Artikolu 21(1) ta' din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, skont is-sistema legali nazzjonali rilevanti, il-membri tal-pubbliku interessati jkollhom aċċess għal proċedura ta' reviżjoni quddiem qorti tal-ġustizzja jew korp ieħor indipendenti u imparzjali stabbilit/a bil-liġi sabiex jikkontestaw l-legalità sostantiva jew proċedurali tad-deċiżjonijiet, atti jew omissjonijiet relatati mal-każijiet soġġetti għall-Artikolu 14 meta titwettaq waħda minn dawn li ġejjin:***

***a) ikollhom interess suffiċjenti;***

***b) isostnu l-indeboliment ta' dritt, meta l-liġi amministrattiva proċedurali ta' Stat Membru teħtieġ dan bħala prerekwiżit.***

***L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu f'liema stadju jistgħu jiġu kkontestati d-deċiżjonijiet, l-atti jew l-omissjonijiet.***

***2. Dak li jikkostitwixxi interess suffiċjenti u indeboliment ta' dritt għandu jiġi stabbilit mill-Istati Membri, b'mod konsistenti mal-għan li jingħata aċċess għall-ġustizzja lill-pubbliku interessat. Għal dan il-għan, l-interess ta' kull organizzazzjoni mhux governattiva li tippromwovi l-ħarsien tal-ambjent u li tissodisfa kwalunkwe ħtieġa skont il-liġi nazzjonali għandu jitqies biżżejjed għall-finijiet tal-paragrafu 2(a).***

***L-organizzazzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jitqiesu wkoll li għandhom drittijiet li jistgħu jiġu indeboliti għall-finijiet tal-paragrafu 2(b).***

***3. Il-paragrafu 2 ma għandux jeskludi l-possibbiltà ta' proċedura ta' reviżjoni preliminari quddiem awtorità amministrattiva u ma għandux jaffettwa r-rekwiżit tal-eżawriment tal-proċeduri tar-reviżjoni amministrattiva qabel ir-rikors għall-proċeduri tar-reviżjoni ġudizzjarja, meta jeżisti dan ir-rekwiżit taħt il-liġi nazzjonali.***

***4. Il-proċeduri previsti fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu ġusti, ekwi, f'waqthom u ma jiswewx tant li jkunu projbittivi. Rimedju ta' inġunzjoni għandu jingħata fejn ikun xieraq.***

***L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi informazzjoni prattika dwar l-aċċess għal dawk il-proċeduri titpoġġa għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.***

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*L-obbligu ta' informazzjoni kif ukoll il-possibilitajiet ta' aċċess għall-qrati mhumiex irregolati biżżejjed fid-direttivi eżistenti. L-inklużjoni tagħhom f'dan il-punt tfisser regolamentazzjoni doppja u għalhekk hija żejda.*

**Emenda 246**
**Antonyia Parvanova, Vladko Todorov Panayotov, Corinne Lepage, Åsa Westlund**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 22 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-membri tal-pubbliku konċernati jkunu jistgħu jitolbu li ssir analiżi skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2003/4/KE tal-atti jew l-omissjonijiet ta' awtorità kompetenti fir-rigward ta' kwalunkwe talba għall-informazzjoni skont ***l-Artikolu 13 jew l-Artikolu 21(1) ta'*** din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, skont is-sistema legali nazzjonali rilevanti, il-membri tal-pubbliku interessati jkollhom aċċess għal proċedura ta' reviżjoni quddiem qorti tal-ġustizzja jew korp ieħor indipendenti u imparzjali stabbilit/a bil-liġi sabiex jikkontestaw l-legalità sostantiva jew proċedurali tad-deċiżjonijiet, atti jew omissjonijiet relatati mal-każijiet soġġetti ***għall-Artikolu 14*** meta titwettaq waħda minn dawn li ġejjin: | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-membri tal-pubbliku konċernati jkunu jistgħu jitolbu li ssir analiżi skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2003/4/KE tal-atti jew l-omissjonijiet ta' awtorità kompetenti fir-rigward ta' kwalunkwe talba għall-informazzjoni skont din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, skont is-sistema legali nazzjonali rilevanti, il-membri tal-pubbliku interessati jkollhom aċċess għal proċedura ta' reviżjoni quddiem qorti tal-ġustizzja jew korp ieħor indipendenti u imparzjali stabbilit/a bil-liġi sabiex jikkontestaw l-legalità sostantiva jew proċedurali tad-deċiżjonijiet, atti jew omissjonijiet relatati mal-każijiet soġġetti ***għad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva*** meta titwettaq waħda minn dawn li ġejjin: |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*F'konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni Pubblika fit-Teħid tad-Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwestjonijiet Ambjentali, il-pubbliku għandu jkun jista' jkollu aċċess għall-ġustizzja u jirrevedi b'mod legali l-legalità proċedurali u sostantiva tal-atti u l-ommissjonijiet minn persuni privati jew awtoritajiet pubbliċi. Għalhekk, il-pubbliku għandu jkollu wkoll il-possibilità ta' aċċess għall-ġustizzja fir-rigward ta' rekwiżiti oħra, pereżempju obbligi ġenerali tal-operaturi, spezzjonijiet u rapporti dwar is-sikurezza.*

**Emenda 247**
**Elisabetta Gardini, Sergio Berlato**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 22 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-membri tal-pubbliku konċernati jkunu jistgħu jitolbu li ssir analiżi skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2003/4/KE tal-atti jew l-omissjonijiet ta' awtorità kompetenti fir-rigward ta' kwalunkwe talba għall-informazzjoni skont l-Artikolu 13 jew l-Artikolu 21(1) ta' din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, skont is-sistema legali nazzjonali rilevanti, il-membri tal-pubbliku interessati jkollhom aċċess għal proċedura ta' reviżjoni quddiem qorti tal-ġustizzja jew korp ieħor indipendenti u imparzjali stabbilit/a bil-liġi sabiex jikkontestaw l-legalità ***sostantiva jew*** proċedurali tad-deċiżjonijiet, atti jew omissjonijiet relatati mal-każijiet soġġetti għall-Artikolu 14 meta titwettaq waħda minn dawn li ġejjin: | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-membri tal-pubbliku konċernati jkunu jistgħu jitolbu li ssir analiżi skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2003/4/KE tal-atti jew l-omissjonijiet ta' awtorità kompetenti fir-rigward ta' kwalunkwe talba għall-informazzjoni skont l-Artikolu 13 jew l-Artikolu 21(1) ta' din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, skont is-sistema legali nazzjonali rilevanti, il-membri tal-pubbliku interessati jkollhom aċċess għal proċedura ta' reviżjoni quddiem qorti tal-ġustizzja jew korp ieħor indipendenti u imparzjali stabbilit/a bil-liġi sabiex jikkontestaw l-legalità proċedurali tad-deċiżjonijiet, atti jew omissjonijiet relatati mal-każijiet soġġetti għall-Artikolu 14 meta titwettaq waħda minn dawn li ġejjin: |

Or. it

**Emenda 248**
**Holger Krahmer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 22 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-membri tal-pubbliku konċernati jkunu jistgħu jitolbu li ssir analiżi skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2003/4/KE tal-atti jew l-omissjonijiet ta' awtorità kompetenti fir-rigward ta' kwalunkwe talba għall-informazzjoni skont l-Artikolu 13 jew l-Artikolu 21(1) ta' din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, skont is-sistema legali nazzjonali rilevanti, il-membri tal-pubbliku interessati jkollhom aċċess għal proċedura ta' reviżjoni quddiem qorti tal-ġustizzja jew korp ieħor indipendenti u imparzjali stabbilit/a bil-liġi sabiex jikkontestaw l-legalità ***sostantiva jew*** proċedurali tad-deċiżjonijiet, atti jew omissjonijiet relatati mal-każijiet soġġetti għall-Artikolu 14 meta titwettaq waħda minn dawn li ġejjin: | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-membri tal-pubbliku konċernati jkunu jistgħu jitolbu li ssir analiżi skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2003/4/KE tal-atti jew l-omissjonijiet ta' awtorità kompetenti fir-rigward ta' kwalunkwe talba għall-informazzjoni skont l-Artikolu 13 jew l-Artikolu 21(1) ta' din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, skont is-sistema legali nazzjonali rilevanti, il-membri tal-pubbliku interessati jkollhom aċċess għal proċedura ta' reviżjoni quddiem qorti tal-ġustizzja jew korp ieħor indipendenti u imparzjali stabbilit/a bil-liġi sabiex jikkontestaw l-legalità proċedurali tad-deċiżjonijiet, atti jew omissjonijiet relatati mal-każijiet soġġetti għall-Artikolu 14 meta titwettaq waħda minn dawn li ġejjin: |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-Artikolu 6 tad-Direttiva 2003/4/KE jistipula biss li l-pubbliku jista' jsaħħaħ id-dritt tal-aċċess għat-tagħrif quddiem il-qrati tal-liġi, iżda dan ma jistipulax li jistgħu jiġu kkuntestati l-punti ddeterminati skont il-liġi sostantiva. Din l-emenda tikkostitwixxi strettezza akbar tal-leġiżlazzjoni b'mod inkomprensibbli.*

**Emenda 249**
**Miroslav Ouzký**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 22 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-membri tal-pubbliku konċernati jkunu jistgħu jitolbu li ssir analiżi skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2003/4/KE tal-atti | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-membri tal-pubbliku konċernati jkunu jistgħu jitolbu li ssir analiżi skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2003/4/KE tal-atti |

jew l-omissjonijiet ta' awtorità kompetenti fir-rigward ta' kwalunkwe talba għall-informazzjoni skont l-Artikolu 13 jew l-Artikolu 21(1) ta' din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, skont is-sistema legali nazzjonali rilevanti, il-membri tal-pubbliku interessati jkollhom aċċess għal proċedura ta' reviżjoni quddiem qorti tal-ġustizzja jew korp ieħor indipendenti u imparzjali stabbilit/a bil-liġi sabiex jikkontestaw l-legalità ***sostantiva jew*** proċedurali tad-deċiżjonijiet, atti jew omissjonijiet relatati mal-każijiet soġġetti għall-Artikolu 14 meta titwettaq waħda minn dawn li ġejjin:

jew l-omissjonijiet ta' awtorità kompetenti fir-rigward ta' kwalunkwe talba għall-informazzjoni skont l-Artikolu 13 jew l-Artikolu 21(1) ta' din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, skont is-sistema legali nazzjonali rilevanti, il-membri tal-pubbliku interessati jkollhom aċċess għal proċedura ta' reviżjoni quddiem qorti tal-ġustizzja jew korp ieħor indipendenti u imparzjali stabbilit/a bil-liġi sabiex jikkontestaw l-legalità proċedurali tad-deċiżjonijiet, atti jew omissjonijiet relatati mal-każijiet soġġetti għall-Artikolu 14 meta titwettaq waħda minn dawn li ġejjin:

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-Artikolu 6 (L-aċċess għall-ġustizzja) tad-Direttiva 2003/4/KE jistipula biss li l-pubbliku jista' jsaħħaħ id-dritt tal-aċċess għat-tagħrif quddiem il-qrati tal-liġi, iżda dan ma jistipulax li jistgħu jiġu kkuntestati l-punti ddeterminati skont il-liġi sostantiva. Id-Direttiva 2003/35/KE tagħti biss id-dritt li jiġu kkuntestati l-iżbalji proċedurali tal-awtoritajiet. F'dan il-każ, lanqas ma jingħata d-dritt li jiġu kkontestati l-punti ddeterminati skont il-liġi sostantiva. L-emenda proposta tikkostitwixxi strettezza akbar tal-leġiżlazzjoni b'mod inkomprensibbli.*

**Emenda 250**
**Elisabetta Gardini, Oreste Rossi, Sergio Berlato**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Dak li jikkostitwixxi interess suffiċjenti u indeboliment ta' dritt għandu jiġi stabbilit mill-Istati Membri, b'mod konsistenti mal-għan li jingħata aċċess għall-ġustizzja lill-pubbliku interessat. Għal dan il-għan, l-interess ta' kull organizzazzjoni mhux governattiva li tippromwovi l-ħarsien tal-ambjent u li tissodisfa kwalunkwe ħtieġa skont il-liġi nazzjonali ***għandu jitqies biżżejjed għall-finijiet tal-paragrafu 2(a).***

*Emenda*

Dak li jikkostitwixxi interess suffiċjenti u indeboliment ta' dritt għandu jiġi stabbilit mill-Istati Membri, b'mod konsistenti mal-għan li jingħata aċċess għall-ġustizzja lill-pubbliku interessat. Għal dan il-għan***, għandu jitqies suffiċjenti għall-finijiet tal-paragrafu 2(a),*** l-interess ta' kull organizzazzjoni mhux governattiva li tippromwovi l-ħarsien tal-ambjent u li***:***

| | |
|---|---|
| | ***a) jkollha l-uffiċċju reġistrat fit-territorju kkonċernat bid-deċiżjonijiet, l-atti jew l-ommissjonijiet soġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 14, u*** |
| | ***b)*** tissodisfa kwalunkwe ħtieġa skont il-liġi nazzjonali. |

Or. it

**Emenda 251**
**Antonyia Parvanova**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dak li jikkostitwixxi interess sufficjenti u indeboliment ta' dritt għandu jiġi stabbilit mill-Istati Membri, b'mod konsistenti mal-għan li jingħata aċċess għall-ġustizzja lill-pubbliku interessat. Għal dan il-għan, l-interess ta' kull organizzazzjoni mhux governattiva li tippromwovi l-ħarsien tal-ambjent u li tissodisfa kwalunkwe ħtieġa skont il-liġi nazzjonali għandu jitqies biżżejjed għall-finijiet tal-paragrafu 2(a). | Dak li jikkostitwixxi interess sufficjenti u indeboliment ta' dritt għandu jiġi stabbilit mill-Istati Membri, b'mod konsistenti mal-għan li jingħata aċċess għall-ġustizzja lill-pubbliku interessat. Għal dan il-għan, l-interess ta' kull organizzazzjoni mhux governattiva li tippromwovi l-ħarsien tal-ambjent ***jew tas-saħħa pubblika*** u li tissodisfa kwalunkwe ħtieġa skont il-liġi nazzjonali għandu jitqies biżżejjed għall-finijiet tal-paragrafu 2(a). |

Or. en

**Emenda 252**
**Åsa Westlund**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 23– paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4, sabiex jiġu adattati ***l-Annessi*** I sa ***VII*** għall-progress tekniku, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' delega skont l- | Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4, sabiex jiġu adattati ***l-parti 3 tal-Anness*** I ***u tal-Annessi II*** sa ***VI*** għall-progress tekniku ***u xjentifiku***, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' delega skont l-Artikolu 24 ***u*** |

| | |
|---|---|
| Artikolu 24. | ***l-Artikolu 17, paragrafu 2***. |

Or. en

**Emenda 253**
**Cristian Silviu Buşoi**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 23 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fis-sitt xhur wara l-adozzjoni tal-adattament għall-progress tekniku stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, il-Kummissjoni għandha tevalwa jekk l-Anness I għandux jiġi adattat billi jiġu kkunsidrati l-potenzjal ta' inċidenti kbar marbut ma' sustanza u l-kriterji adottati sabiex jiġi applikat l-Artikolu 4.*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*L-allinjament tal-ambitu tad-Direttiva Seveso mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 (CLP) għandu jkun proċess kontinwu, hekk kif tindika n-natura tas-CLP stess.*

**Emenda 254**
**Julie Girling**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 23– paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Fis-sitt xhur wara l-adozzjoni tal-adattament għall-progress tekniku stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, il-Kummissjoni għandha tevalwa jekk l-Anness I għandux jiġi adattat billi jiġu kkunsidrati l-potenzjal ta' inċidenti kbar marbut ma' sustanza u l-kriterji adottati sabiex jiġi applikat l-*** |

*Artikolu 4.*

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-allinjament tal-ambitu tad-Direttiva Seveso għar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 (CLP) u l-adattamenti tiegħu għandhom ikunu proċess kontinwu, hekk kif tindika n-natura tas-CLP stess.*

**Emenda 255**
**Carl Schlyter, Michèle Rivasi**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 27 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 27a*** |
| | ***Reviżjoni*** |
| | ***Sa [*], il-Kummissjoni għandha tanalizza jekk sustanzi oħra li jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni kategorija 1A jew 1B skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u t-taħlitiet, li jkun fihom tali sustanzi, għandhomx jiżdiedu mal-Anness I, u jekk ikun jeħtieġ, tagħmel proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, f'dan ir-rigward.*** |
| | ***Sa [*], il-Kummissjoni għandha tanalizza jekk ċerti nanomaterjali għandhomx jiżdiedu mal-Anness I, u jekk ikun jeħtieġ, tagħmel proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, f'dan ir-rigward.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Attwalment, il-proposta tal-Kummissjoni għandha entrata separata għall-17-il karċinoġenu fl-Anness I, Parti 2. Madankollu, hemm ħafna aktar sustanzi karċinoġeniċi, u anke sustanzi li huma mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni, li normalment jiġu ttrattati bl-istess mod*

*bħall-karċinoġeni. Barra minn hekk, in-nanomaterjali jistgħu jkunu ta' periklu li jikkawżaw inċidenti speċjali. Dawn iż-żewġ kwistjonijiet għandhom jiġu analizzati mill-Kummissjoni fi żmien dovut u għandhom jiġu inklużi fil-leġiżlazzjoni, jekk dan ikun iġġustifikat.*

**Emenda 256**
**Carl Schlyter, Michèle Rivasi**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 27 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 27a*** |
| | ***Fond*** |
| | ***1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi sa [*] fond li jipprovdi għall-prevenzjoni ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi perikolużi, u li jkopri l-ispejjeż tal-awtoritajiet kompetenti li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.*** |
| | ***2. Il-kontribuzzjonijiet għall-fond nazzjonali għandhom jitħallsu mill-operaturi, u għandhom ikunu proporzjonati mal-kwantitajiet ta' sustanzi perikolużi li jkun fih l-istabbiliment. Dan għandu jieħu inkunsiderazzjoni l-ħidma meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti fir-rigward ta' din id-Direttiva u għandu jiżgura li d-dħul ikun biżżejjed biex ikopri l-ispiża tas-servizzi mogħtija. L-ammont eżatt għandu jiġi speċifikat f'Regolament tal-Kummissjoni adottat skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 24.*** |
| | ***[*] ĠU: inserixxi 3 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jinħoloq fond biex jimmotiva lill-operaturi jinvestu f'miżuri għall-prevenzjoni ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi perikolużi. Il-fond għandu jkopri wkoll l-ispejjeż li jirrigwardaw l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva mill-awtoritajiet kompetenti, għalhekk*

*dan iwassal għal implimentazzjoni aħjar. Għandhom jiġu stabbiliti kriterji ġenerali fil-livell tal-UE sabiex ikun hemm kundizzjonijiet indaqs għall-industrija.*

**Emenda 257**
**Sabine Wils**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – Parti 1 – Tabella – Taqsima 'H' – ringiela H1 – Kolonna 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| H1 TOSSIKA AKUTA Kategorija 1, ir-rotot ta' esponiment kollha | H1 TOSSIKA AKUTA Kategorija 1, ir-rotot ta' esponiment kollha<br>***TOSSIKA AKUTA Kategorija 2, ir-rotot ta' esponiment mill-ġilda jew minn inalazzjoni (trab u raxx, fwar)*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-għan huwa li jiġi mmodifikat limitu għoli wisq, minħabba r-riskju perikoluż ħafna għall-Kategorija H2 u STOT3, u li jiġu inklużi karatteristiċi dannużi oħra; konsegwentement, in-nota 7 għall-Anness I titħassar b'emenda oħra.*

**Emenda 258**
**Sabine Wils**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – Parti 1 – Tabella – Taqsima 'H' – ringiela H2– Kolonna 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| H2 TOSSIKA AKUTA<br>- Kategorija 2, ir-rotot ta' esponiment ***kollha***<br>- Kategorija 3, ***rotot*** ta' esponiment ***mill-ġilda jew minn inalazzjoni (ara n-nota 7)*** | H2 TOSSIKA AKUTA<br>- Kategorija 2, ir-rotot ta' esponiment ***oħrajn (gass)***<br>- Kategorija 3, ***ir-rotot*** ta' esponiment ***kollha*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-għan huwa li jiġi mmodifikat limitu għoli wisq, minħabba r-riskju perikoluż ħafna għall-Kategorija H2 u STOT3, u li jiġu inklużi karatteristiċi dannużi oħra; konsegwentement, in-*

*nota 7 għall-Anness I titħassar b'emenda oħra.*

**Emenda 259**
**Holger Krahmer**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – Parti 1 – Tabella – Taqsima 'H' – ringiela H2– Kolonna 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| H2 TOSSIKA AKUTA<br>- Kategorija 2, ir-rotot ta' esponiment kollha<br>- Kategorija 3, ***rotot ta' esponiment mill-ġilda jew minn inalazzjoni*** (ara n-nota 7) | H2 TOSSIKA AKUTA<br>- Kategorija 2, ir-rotot ta' esponiment kollha<br>- Kategorija 3, ***aerosols li jittieħdu b'inalazzjoni*** (ara n-nota 7) |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Attwalment, nofs is-sustanzi biss, li huma assenjati għall-kategorija 3 (mill-ġilda jew minn inalazzjoni, gassijiet u fwar), huma kklassifikati bħala perikolużi għas-saħħa. Din l-emenda tipprevieni li l-ambitu jitwessa' għal ammont kbir ta' sustanzi u preparamenti/taħlitiet. Diversament, dan ikollu impatt b'mod partikolari fuq l-utenti "downstream" u impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs). Il-gassijiet ikklassifikati bħala tossiċi - ikklassifikati fil-kategorija 3 taħt GHS - huma diġà elenkati bħala "Sustanzi msemmija".*

**Emenda 260**
**Oreste Rossi**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – Parti 1 – Tabella – Taqsima 'H' – ringiela H2– Kolonna 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| H2 TOSSIKA AKUTA<br>- Kategorija 2, ir-rotot ta' esponiment kollha<br>- Kategorija 3, rotot ta' esponiment ***mill-ġilda jew*** minn inalazzjoni (ara n-nota 7) | H2 TOSSIKA AKUTA<br>- Kategorija 2, ir-rotot ta' esponiment kollha<br>- Kategorija 3, rotot ta' esponiment minn inalazzjoni ***ta' aerosol*** (ara n-nota 7) |

Or. it

*Ġustifikazzjoni*

*Attwalment, nofs is-sustanzi biss, li huma assenjati għall-kategorija 3 (mill-ġilda jew minn*

*inalazzjoni, gassijiet u fwar), huma kklassifikati bħala perikolużi għas-saħħa. Din l-emenda tipprevieni li l-ambitu jitwessa' għal ammont kbir ta' sustanzi u preparamenti/taħlitiet. Diversament, dan ikollu impatt b'mod partikolari fuq l-utenti "downstream" u impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs). Il-gassijiet li huma diġà klassifikati bħala tossiċi - ikklassifikati fil-kategorija 3 taħt GHS – diġà huma elenkati fil-parti 2.)*

**Emenda 261**
**Åsa Westlund**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – Parti 1 – Tabella – Taqsima 'H' – ringiela H3**

| Test propost mill-Kummissjoni | | |
|---|---|---|
| H3 STOT TOSSIĊITÀ SPEĊIFIKA GĦALL-ORGANI FIL-MIRA – ESPONIMENT UNIKU<br>STOT Kategorija 1 | ***50*** | ***200*** |
| *Emenda* | | |
| H3 STOT TOSSIĊITÀ SPEĊIFIKA GĦALL-ORGANI FIL-MIRA – ESPONIMENT UNIKU<br>STOT Kategorija 1 | ***5*** | ***20*** |

Or. en

**Emenda 262**
**Sabine Wils**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – Parti 1 – Tabella – Taqsima 'H' – ringiela H3**

| Test propost mill-Kummissjoni | | |
|---|---|---|
| H3 STOT TOSSIĊITÀ SPEĊIFIKA GĦALL-ORGANI FIL-MIRA – ESPONIMENT UNIKU<br>STOT Kategorija 1 | ***50*** | ***200*** |
| *Emenda* | | |
| H3 STOT TOSSIĊITÀ SPEĊIFIKA GĦALL-ORGANI FIL-MIRA – ESPONIMENT UNIKU<br>STOT Kategorija 1 | ***5*** | ***20*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-għan huwa li jiġi mmodifikat limitu għoli wisq, minħabba r-riskju perikoluż ħafna għall-Kategorija H2 u STOT3, u li jiġu inklużi karatteristiċi dannużi oħra; konsegwentement, in-nota 7 għall-Anness I titħassar b'emenda oħra.*

**Emenda 263**
**Carl Schlyter, Michèle Rivasi**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – Parti 1 – Tabella – Taqsima 'H' – ringiela H3a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | | |
|---|---|---|
| | | |

| Emenda | | |
|---|---|---|
| ***H3a Sustanzi jew taħlitiet li huma korrużivi għall-ġilda jew li jirritaw u jwasslu għall-korrużjoni tal-ġilda, Kategorija 1 b'dikjarazzjoni ta' periklu EUH014*** | ***20000*** | ***20000*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Id-diżastru li għamel it-tajn aħmar f'Kolontár, l-Ungerija, huwa wieħed mill-aktar prova reċeni li t-tixrid ta' sustanzi estremament bażiċi maħżuna fi kwantitajiet kbar, jikkostitwixxi b'mod ċar riskju ta' inċident kbir. Tali siti għandhom jaqgħu fl-ambitu ta' din id-Direttiva biex jiġi evitat li jerġgħu jseħħu tali diżastri.*

**Emenda 264**
**Åsa Westlund**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – Parti 1 – Tabella – Taqsima 'H' – ringiela H3 a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | | |
|---|---|---|
| | | |

| Emenda | | |
|---|---|---|
| ***H3a STOT TOSSIĊITÀ SPEĊIFIKA GĦALL-ORGANI FIL-MIRA – ESPONIMENT RIPETUT*** | ***50*** | ***200*** |

| | | |
|---|---|---|
| ***STOT Kategorija 1*** | | |

Or. en

**Emenda 265**
**Sabine Wils**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – Parti 1 – Tabella – Taqsima 'H' – ringiela H3 a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

| | | |
|---|---|---|
| ***H3a STOT TOSSIĊITÀ SPEĊIFIKA GĦALL-ORGANI FIL-MIRA – ESPONIMENT RIPETUT*** <br> ***STOT Kategorija 1*** | ***50*** | ***200*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-għan huwa li jiġi mmodifikat limitu għoli wisq, minħabba r-riskju perikoluż ħafna għall-Kategorija H2 u STOT3, u li jiġu inklużi karatteristiċi dannużi oħra; konsegwentement, in-nota 7 għall-Anness I titħassar b'emenda oħra.*

**Emenda 266**
**Sabine Wils**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – Parti 1 – Tabella – Taqsima 'H' – ringiela H3 b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

| | | |
|---|---|---|
| ***H3b KARĊINOĠENI*** <br> ***Kategorija 1A*** | ***0,5*** | ***2*** |
| ***KARĊINOĠENI*** <br> ***Kategorija 1B*** | ***5*** | ***20*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Is-sustanzi karċinoġeniċi għandhom jiġu inklużi mhux biss bħala dannużi u perikolużi għas-saħħa tal-bniedem iżda wkoll minħabba li fid-definizzjoni ta' inċident rilevanti, din id-Direttiva tinkludi l-effetti fit-tul fuq is-saħħa tal-bniedem ukoll.*

**Emenda 267**
**Gaston Franco**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – Parti 1 – Tabella – Taqsima 'P'– ringiela P1a – Kolonna 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| P1a SPLUSSIVI (ara n-nota 8)<br>- Splussivi mhux stabbli jew<br>- Splussivi, Diviżjoni 1.1, 1.2, 1.3, 1.5 jew 1.6, jew<br>- ***Sustanzi*** jew taħlitiet li jkollhom proprjetajiet *esplżivi* skont il-metodu A.14 tar-Regolament (KE) Nru 440/2008 (ara n-nota 9) u li ma jappartjenux għall-klassijiet ta' ***periklu*** Perossidi organiċi jew Sustanzi u taħlitiet awtoreattivi | P1a SPLUSSIVI (ara n-nota 8)<br>- Splussivi mhux stabbli jew<br>- Splussivi, Diviżjoni 1.1, 1.2, 1.3, 1.5 jew 1.6, jew<br>- ***Għas-sustanzi u t-taħlitiet li ma ġewx ikklassifikati skont ir-rakkomandazzjonijiet dwar it-trasport tal-merkanzija perikoluża, il-manwal dwar it-testijiet u l-kriterji tan-NU (klassi 1 għat-trasport)***: ***sustanzi*** jew taħlitiet li jkollhom proprjetajiet *esplożivi* skont il-metodu A.14 tar-Regolament (KE) Nru 440/2008 (ara n-nota 9) u li ma jappartjenux għall-klassijiet ta' ***perikli ossidanti,*** Perossidi organiċi jew Sustanzi u taħlitiet awtoreattivi |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Din il-kategorija tinkludi l-prodotti kklassifikati bħala splussivi skont is-CLP iżda wkoll is-sustanzi jew taħlitiet li għandhom karatteristiċi esplożivi stabbiliti skont il-metodu A.14 tar-Regolament KE Nru 440/2008. Fir-rigward ta' koerenza u ċarezza, ikun aħjar jekk wieħed jillimita ruħu għall-kriterji ta' klassifikazzjoni skont is-CLP għall-isplussivi, l-istess bħalma jiġri għall-kategoriji l-oħra, u li ma jiġux ikkunsidrati metodi oħrajn ta' klassifikazzjoni.*

**Emenda 268**
**Sabine Wils**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – Parti 1 – Tabella – Taqsima 'P'– ringiela P3a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | | |
|---|---|---|
| P3a AEROSOLS FJAMMABBLI (ara n-nota 11.1) "Aerosols "Fjammabbli ħafna" jew "Fjammabbli", li jkollhom gassijiet fjammabbli tal-Kategorija 1 jew 2 jew likwidi fjammabbli tal-Kategorija | ***150*** | ***500*** |

| *Emenda* | | |
|---|---|---|
| P3a AEROSOLS FJAMMABBLI (ara n-nota 11.1) "Aerosols "Fjammabbli ħafna" jew "Fjammabbli", li jkollhom gassijiet fjammabbli tal-Kategorija 1 jew 2 jew likwidi fjammabbli tal-Kategorija | ***50*** | ***200*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa utli li jkun hemm limitu aktar baxx għall-kategorija P3a Aerosols fjammabbli*

**Emenda 269**
**Holger Krahmer**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – Parti 1 – Tabella – Taqsima 'P'– ringiela P7– Kolonna 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| P7 LIKWIDI ***U SOLIDI*** PIROFORIĊI<br>Likwidi piroforiċi, Kategorija 1<br>***Solidi piroforiċi, Kategorija 1*** | P7 LIKWIDI PIROFORIĊI<br>Likwidi piroforiċi, Kategorija 1 |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Is-solidi piroforiċi ma kinux koperti bid-Direttiva Seveso eżistenti. Din l-emenda tipprevieni t-twessigħ tal-ambitu tad-Direttiva.*

**Emenda 270**
**Holger Krahmer**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – Parti 1 – Tabella – Taqsima 'P'– Ringiela P8 – Kolonna 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| P8 LIKWIDI U SOLIDI OSSIDANTI<br>Likwidi ossidanti, Kategorija 1, 2 ***jew 3,*** jew<br>Solidi ossidanti, Kategorija 1, 2 ***jew 3*** | P8 LIKWIDI U SOLIDI OSSIDANTI<br>Likwidi ossidanti, Kategorija 1, 2 jew<br>Solidi ossidanti, Kategorija 1, 2 |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Minħabba l-istrettezza akbar fil-kriterji ta' klassifikazzjoni, is-sustanzi f'volum kbir - li attwalment mhumiex ikklassifikati bħala ossidanti, ġew ittikkettati b'R8 u, konsegwentement, ma kinux jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva Seveso – fil-futur se jaqgħu taħt il-kategorija 3. Għalhekk, il-limiti għall-kategorija 3 għandhom jogħlew, sabiex ma jkunx hemm strettezza akbar mhux meħtieġa tar-regoli, partikolarment għall-utenti "downstream".*

**Emenda 271**
**Holger Krahmer**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – Parti 1 – Tabella – Taqsima 'P'– Ringiela P8a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

| | | |
|---|---|---|
| ***P8a (ġdid) LIKWIDI U SOLIDI OSSIDANTI*** | | |
| ***Likwidi ossidanti, Kategorija 3*** | ***500*** | ***2000*** |
| ***Solidi ossidanti, Kategorija 3*** | ***500*** | ***2000*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Minħabba l-istrettezza akbar fil-kriterji ta' klassifikazzjoni, is-sustanzi f'volum kbir - li attwalment mhumiex ikklassifikati bħala ossidanti, ġew ittikkettati b'R8 u, konsegwentement, ma kinux jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva Seveso – fil-futur se jaqgħu taħt il-kategorija 3. Għalhekk, il-limiti għall-kategorija 3 għandhom jogħlew, sabiex ma jkunx hemm strettezza akbar mhux meħtieġa tar-regoli, partikolarment għall-utenti "downstream".*

**Emenda 272**
**Cristian Silviu Busoi**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – Parti 1 – Tabella – Taqsima 'E'**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | |
|---|---|---|
| Taqsima «E» - PERIKLI AMBJENTALI | | |
| E1 Perikoluża għall-Ambjent Akkwatiku fil-Kategorija Akuta 1 jew Kronika 1 | 100 | 200 |
| E2 Perikoluża għall-Ambjent Akkwatiku fil-Kategorija Kronika 2 | ***200*** | ***500*** |

*Emenda*

| | | |
|---|---|---|
| Taqsima «E» - PERIKLI AMBJENTALI | | |
| E1 Perikoluża għall-Ambjent Akkwatiku fil-Kategorija Akuta 1 jew Kronika 1 ***(sustanzi b'M ≥ 10)*** | 100 | 200 |
| E2 Perikoluża għall-Ambjent Akkwatiku ***fil-Kategoriji Akuta 1 jew Kronika 1 (sustanzi b'M = 1 u taħlita)*** | ***500*** | ***1000*** |
| ***E2a Perikoluża għall-Ambjent Akkwatiku*** fil-Kategorija Kronika 2 | ***1000*** | ***2500*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Il-bidliet fil-klassifikazzjoni tar-Regolament CLP mhumiex riflessi b'mod adegwat fil-proposta fir-rigward tal-perikli għall-ambjent. Aktar stabbilimenti se jaqgħu b'mod artifiċjali fl-ambitu għalkemm ma jippreżentaw ebda riskju ġdid ta' inċidenti kbar, peress li ċerti bidliet fil-limiti ma ġewx adattati għall-bidliet tar-regoli ta' klassifikazzjoni, b'mod partikolari t-tieni Adattament għall-Progress Tekniku (ATP) tas-CLP. Dan kollu jwassal għal spejjeż u għal ammont akbar ta' xogħol kemm għall-industrija kif ukoll għall-awtoritajiet.*

**Emenda 273**
**Gaston Franco, Amalia Sartori, Julie Girling**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – Parti 1 – Tabella – Taqsima 'E'**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | |
|---|---|---|
| Taqsima «E» - PERIKLI AMBJENTALI | | |
| E1 Perikoluża għall-Ambjent Akkwatiku fil-Kategorija Akuta 1 jew Kronika 1 | 100 | 200 |
| E2 Perikoluża għall-Ambjent Akkwatiku fil-Kategorija Kronika ***2*** | ***200*** | ***500*** |

*Emenda*

| | | |
|---|---|---|
| Taqsima «E» - PERIKLI AMBJENTALI | | |
| E1 Perikoluża għall-Ambjent Akkwatiku fil-Kategorija Akuta 1 jew Kronika 1 ***(sustanzi b'M ≥ 10)*** | 100 | 200 |
| E2 Perikoluża għall-Ambjent Akkwatiku ***fil-Kategoriji Akuta 1 jew*** Kronika 1 ***(sustanzi b'M = 1 u taħlita)*** | ***500*** | ***1000*** |
| ***E2a Perikoluża għall-Ambjent Akkwatiku fil-Kategorija Kronika 2*** | ***1000*** | ***2500*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Il-bidliet fil-klassifikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 (CLP) mhumiex riflessi b'mod adegwat fil-proposta tal-Kummissjoni fir-rigward tal-perikli għall-ambjent. B'konsegwenza ta' dan, aktar stabbilimenti se jaqgħu b'mod arbitrarju fl-ambitu ta' Seveso, għalkemm ma jippreżentaw ebda riskju ġdid ta' inċidenti kbar. Ċerti bidliet fil-limiti għall-perikli għall-ambjent ma ġewx adattati għall-bidliet tar-regoli ta' klassifikazzjoni, b'mod partikolari t-tieni ATP tas-CLP.*

**Emenda 274**
**Sabine Wils**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – Parti 1 – Tabella – Taqsima 'E'**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | |
|---|---|---|
| Taqsima «E» - PERIKLI AMBJENTALI | | |
| E1 Perikoluża għall-Ambjent Akkwatiku fil-Kategorija Akuta 1 jew Kronika 1 | ***100*** | ***200*** |
| E2 Perikoluża għall-Ambjent Akkwatiku fil-Kategorija Kronika 2 | ***200*** | ***500*** |

*Emenda*

| | | |
|---|---|---|
| Taqsima «E» - PERIKLI AMBJENTALI | | |
| E1 Perikoluża għall-Ambjent Akkwatiku fil-Kategorija Akuta 1 jew Kronika 1 | ***5*** | ***20*** |
| E2 Perikoluża għall-Ambjent Akkwatiku fil-Kategorija Kronika 2 | ***50*** | ***200*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa utli li jkun hemm limitu aktar baxx għar-riskju ta' periklu fir-rigward tal-ambjent akkwatiku.*

**Emenda 275**
**Carl Schlyter, Michèle Rivasi**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – Parti 1 – Tabella – Taqsima 'O'– ringiela O3a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | | |
|---|---|---|
| | | |

| Emenda | | |
|---|---|---|
| ***O3a Is-sustanzi li jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala persistenti, bijoakkumulattivi u tossiċi skont il-kriterji stipulati fl-Anness XIII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2007 [*]*** | ***0,5*** | ***2*** |
| ****ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1*** | | |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Is-sustanzi PBT huma fost is-sustanzi ta' tħassib serju ħafna skont ir-REACH u dawn huma pprijoritizzati għas-sostituzzjoni skont ir-REACH. Ladarba jiġu rrilaxxati, dawn joħolqu danni fit-tul. S'issa, ammont verament limitat ta' sustanzi huma meqjusa bħala PBT. Dawn għandhom jiġu inklużi fl-ambitu ta' din id-Direttiva, bl-istess limiti bħal dawk applikabbli għall-karċinoġeni, li huma wkoll sustanzi ta' tħassib serju ħafna skont ir-REACH.*

**Emenda 276**
**Carl Schlyter, Michèle Rivasi**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – Parti 1 – Tabella – Taqsima 'O'– ringiela O3b (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | | |
|---|---|---|
| | | |

| Emenda | | |
|---|---|---|
| ***O3b Is-sustanzi li jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala persistenti ħafna jew bijoakkumulattivi ħafna skont il-kriterji stipulati fl-Anness XIII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2007 [*]*** | ***0,5*** | ***2*** |
| ****ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1*** | | |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Is-sustanzi li huma persistenti ħafna u bijoakkumulattivi ħafna (vPvB) huma fost is-sustanzi ta' tħassib serju ħafna skont ir-REACH u dawn jingħataw prijorità biex jiġu sostitwiti skont ir-REACH. Ladarba jiġu rrilaxxati, dawn x'aktarx joħolqu danni fit-tul. S'issa, ammont verament limitat ta' sustanzi huwa meqjus bħala vPvB. Dawn għandhom jiġu inklużi fl-ambitu ta' din id-Direttiva, bl-istess limiti bħal dawk applikabbli għall-karċinoġeni, li huma wkoll sustanzi ta' tħassib serju ħafna skont ir-REACH.*

**Emenda 277**
**Sabine Wils**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – Parti 1 – Tabella – Taqsima 'O'– ringiela O3a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | | |
|---|---|---|
| | | |

| Emenda | | |
|---|---|---|
| ***O3a (ġdid) Kimiċi li huma inklużi fl-Anness XIV tar-Regolament REACH iżda mhumiex f'partijiet oħra ta' dan l-Anness*** | ***5*** | ***20*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Is-sustanzi kimiċi kif inklużi fl-Anness XIV tar-REACH, iżda li mhumiex previsti f'dan l-Anness, għandhom jiġu inklużi b'limitu prekawzjonarju aktar baxx.*

**Emenda 278**
**Carl Schlyter, Michèle Rivasi**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – Parti 2 – Tabella – ringiela 32 – Kolonna 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | |
|---|---|
| Poliklorodibenżofurani u poliklorodibenżodiossini (inkluż TCDD), ikkalkulati f'TCDD ekwivalenti (nota 19) | ***0,001*** |

*Emenda*

| | |
|---|---|
| Poliklorodibenżofurani u poliklorodibenżodiossini (inkluż TCDD), ikkalkulati f'TCDD ekwivalenti (nota 19) | ***0,000000001 (=1mg) flimkien ma' limitu ta' konċentrazzjoni ta' 1ppb*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Limitu ta' 1kg ta' diossina huwa kompletament inadegwat: ħadd qatt mhuwa se jkollu 1kg ta' diossina. Il-limitu għandu jiġi stabbilit għal 1mg, fir-rigward tas-sustanzi u t-taħlitiet li jkun fihom id-diossina f'konċentrazzjonijiet ta' aktar minn 1ppb li jikkontribwixxu għal din l-istima.*

**Emenda 279**
**Cristina Gutiérrez-Cortines**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – Parti 2 – Tabella – Ringiela 34 – Kolonna 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Prodotti taż-żejt<br>(a) gasolina u nafta,<br>(b) kerożina (inklużi fjuwils tal-ġettijiet),<br>(c) Żjut tal-gass (inkluż fjuwils tad-diżil, żjut għat-tisħin tad-djar u distillati użati biex jipproduċu żejt tal-gass)<br>(d) żejt tal-fjuwil tqil | Prodotti taż-żejt ***u l-iskart tagħhom***<br>(a) gasolina u nafta,<br>(b) kerożina (inklużi fjuwils tal-ġettijiet),<br>(c) Żjut tal-gass (inkluż fjuwils tad-diżil, żjut għat-tisħin tad-djar u distillati użati biex jipproduċu żejt tal-gass)<br>(d) żejt tal-fjuwil tqil |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-iskart taż-żejt (inkluż żjut użati) għandu l-istess karatteristiċi fir-rigward tal-periklu u l-*

*potenzjal ta' inċident kbir bħall-prodotti taż-żejt li huma inklużi fl-Anness I - Parti 2 - sustanzi msemmija. Jekk jiġu inklużi fl-Anness I - Parti 2, l-iskart taż-żejt se jkun jista' jiġi trattat bħall-prodotti taż-żejt; u biex jiġi żgurat li se jiġu ttrattati bl-istess mod fl-Istati Membri kollha, ġiet proposta din l-emenda.*

**Emenda 280**
**Carl Schlyter, Michèle Rivasi**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – Parti 2 – Tabella – ringiela 37 a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | | | |
|---|---|---|---|
| | | | |

| Emenda | | | |
|---|---|---|---|
| ***Carbon dioxide*** | ***124-38-9*** | ***20*** | ***1000*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Is-$CO_2$ diġà kkawża inċidenti kbar fil-passat f'impjanti tat-tifi tan-nar. L-istess jista' jiġri fir-rigward ta' ġbir u ħżin tal-karbonju (CCS). Il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tinkludix is-$CO_2$ f'din id-Direttiva peress li l-iskemi CCS għadhom biss fi stadju bikri, u għar-raġuni li jkun "prematur li wieħed jiġġudika jekk jinħoloqx periklu ta' inċident kbir jekk it-teknoloġija tintuża b'mod wiesa' fil-futur". Madankollu, hemm potenzjal għal inċident akbar meta s-$CO_2$ jintuża fi kwantitajiet kbar. Skont il-valutazzjoni tal-impatt, minn 10 sa 100 sit biss jistgħu jkunu affettwati.*

**Emenda 281**
**Holger Krahmer**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – Parti 2 – Tabella – ringieli ġodda wara ringiela 37**

| Test propost mill-Kummissjoni | | | |
|---|---|---|---|
| | | | |

| Emenda | | | |
|---|---|---|---|
| ***Piperidin*** | ***110-889-4*** | ***50*** | ***200*** |
| ***Bis(2-dimethylaminoethyl)(methyl)amin*** | ***3030-47-5*** | ***50*** | ***200*** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| ***3-(2-Ethylhexyloxy)propylamin*** | ***5397-31-9*** | ***50*** | ***200*** |
| ***Chrom-VI-Verbindungen*** | | ***5*** | ***20*** |
| ***2-(Dimethylamino)ethylacrylat*** | ***2439-35-2*** | ***5*** | ***20*** |
| ***Methansulphonylchlorid*** | ***124-63-0*** | ***5*** | ***20*** |
| ***Dihexylamin*** | ***143-16-8*** | ***5*** | ***20*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Dawn is-sustanzi ġew inklużi fid-Direttiva Seveso II bil-kwantitajiet proposti u m'għandhomx jiġu kkanċellati bl-adattament tar-Regolament CLP.*

**Emenda 282**
**Gaston Franco, Amalia Sartori, Françoise Grossetête, Julie Girling**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – Parti 2 – Tabella – ringiela 37 a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

| | | | |
|---|---|---|---|
| ***Ipoklorit tas-sodju, soluzzjoni ...% Cl active*** | ***7681-52-9*** | ***200*** | ***500*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Il-bidliet fil-klassifikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 mhumiex riflessi b'mod adegwat fil-proposta tal-Kummissjoni, għat-taħlitiet li fihom l-ipoklorit tas-sodju. Il-limitu ta' konċentrazzjoni ta' din is-sustanza għat-tossiċità akkwatika akuta nbidel meta s-CLP ġie adottat, fatt li ħalla impatt fuq il-klassifikazzjoni tat-taħlitiet, mingħajr ma żied ir-riskju ta' inċidenti kbar. Aktar minn 200 stabbiliment, maħżen u SME, għalhekk jistgħu jaqgħu taħt id-Direttiva Seveso, bi spiża ta' bejn 3 u 4 miljun ewro inkorsa mill-awtoritajiet u l-industrija.*

**Emenda 283**
**Vladimir Urutchev**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – Parti 2 – Tabella – ringiela 37 a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

| | | | |
|---|---|---|---|
| ***Ipoklorit tas-sodju, soluzzjoni …% Cl active*** | ***7681-52-9*** | ***200*** | ***500*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-bidliet fil-klassifikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 (CLP) mhumiex riflessi għalkollox fil-proposta tal-Kummissjoni, b'mod partikolari fil-każ ta' taħlitiet li fihom l-ipoklorit tas-sodju. Dan isir minħabba li l-limitu ta' konċentrazzjoni ta' din is-sustanza għal tossiċità akwatika akuta nbidel meta r-Regolament CLP ġie adottat, fatt li ħalla impatt sproporzjonat fuq il-klassifikazzjoni ta' taħlitiet filwaqt li ma żdied ir-riskju ta' inċidenti kbar. Il-Kummissjoni tikkalkula li aktar minn 200 sit jistgħu sussegwentament jaqgħu taħt id-Direttiva Seveso, bi spiża ta' bejn 3 u 4 miljun ewro inkorsa mill-awtoritajiet u l-industrija.*

**Emenda 284**
**Cristian Silviu Busoi**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – Parti 2 – Tabella – ringiela 37 a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

| | | | |
|---|---|---|---|
| ***Ipoklorit tas-sodju, soluzzjoni…% Cl active*** | ***7681-52-9*** | ***200*** | ***500*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Il-bidliet fil-klassifikazzjoni tar-Regolament 1272/2008 mhumiex riflessi b'mod adegwat fil-proposta, b'mod partikolari għat-taħlitiet li fihom l-ipoklorit tas-sodju. Il-limitu ta' konċentrazzjoni ta' din is-sustanza għat-tossiċità akkwatika akuta nbidel meta s-CLP ġie adottat, fatt li ħalla impatt fuq il-klassifikazzjoni tat-taħlitiet, mingħajr ma żied ir-riskju ta' inċidenti kbar. Dan jista' jwassal għal spiża enormi li tammonta bejn 3 u 4 miljun ewro li tkun inkorsa mill-awtoritajiet u l-industrija.*

**Emenda 285**
**Daciana Octavia Sârbu, Rovana Plumb**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – Parti 2 – Tabella – ringiela 37 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | | |
|---|---|---|
| | | |

| *Emenda* | | |
|---|---|---|
| ***Ipoklorit tas-sodju*** | ***200*** | ***500*** |

Or. en

**Emenda 286**
**Elena Oana Antonescu**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – Parti 2 – Tabella – ringiela 37 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | | |
|---|---|---|
| | | |

| *Emenda* | | |
|---|---|---|
| ***Ipoklorit tas-sodju*** | ***200*** | ***500*** |

Or. en

**Emenda 287**
**Gaston Franco, Amalia Sartori**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – Parti 2 – Tabella – ringiela 37 a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

| | | |
|---|---|---|
| ***Żjut essenzjali u sustanzi simili (nota 19 a)*** | ***1000*** | ***5000*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Il-limiti ta' periklu għall-ambjent akkwatiku ma jikkunsidrawx il-bidliet fil-klassifikazzjoni tar-Regolament 1272/2008. Il-limiti ta' 1000 / 5000 T huma aktar adattati għal dawn il-prodotti ta' oriġini agrikola, ippakkjati u maħżuna f'kartelli ta' 180 Kg netti, mingħajr riskju ta' effett domino, sakemm din il-ħażna tkun f'żona magħluqa sew u kumpatta. Numru ta' intrapriżi, ta' spiss SMEs li jispeċjalizzaw fi produzzjoni, ħażna, distribuzzjoni jew taħlita ta' żjut essenzjali se jkunu għaldaqstant klassifikati f'Seveso mingħajr ma jippreżentaw riskji ġodda ta' inċidenti kbar.*

**Emenda 288**
**Oreste Rossi, Paolo Bartolozzi**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – Parti 2 – Tabella – ringiela 37 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | | |
|---|---|---|
| | | |
| *Emenda* | | |
| ***Prodotti minerali*** | | |
| ***a) żejt mhux raffinat*** | ***5000*** | ***50000*** |

Or. it

*Ġustifikazzjoni*

*Il-prodotti tal-pitrolju huma elenkati fil-Parti 2 tal-Anness I. Iż-żejt mhux raffinat, li huwa sustanza tal-pitrolju iżda mhux prodott bħala materja prima, ma jinsabx fil-lista tas-sustanzi speċifikati u jaqa' fl-ambitu minħabba l-karatteristiċi tiegħu (Anness I, Parti 1). Din id-diversità tal-approċċ, minkejja li għandha x'taqsam ma' sustanzi b'karatteristiċi simili, tinvolvi limiti "Seveso" differenti ħafna bejn iż-żejt mhux raffinat u l-prodotti tal-pitrolju. L-emenda hija ma]suba biex tarmonizza l-applikazzjoni tad-Direttiva għal dawn is-sustanzi.)*

**Emenda 289**
**Sabine Wils**

**Proposta għal direttiva**
**Noti għall-Anness I – paragrafu 3 – Parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 3. Il-kwantitajiet li jikkwalifikaw stabbiliti taħt huma relatati għal kull stabbiliment. | 3. Il-kwantitajiet li jikkwalifikaw stabbiliti taħt huma relatati għal kull stabbiliment. ***Meta għadd ta' stabbilimenti jkunu jinsabu f'sitwazzjoni ta' effett domino (Artikolu 8.1) il-kwantitajiet stabbiliti hawn taħt ikunu relatati mal-għadd tal-istabbilimenti kollha*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex tiġi kkunsidrata s-sitwazzjoni tal-istabbilimenti b'effett domino.*

**Emenda 290**
**Sabine Wils**

**Proposta għal direttiva**
**Noti għall-Anness I – paragrafu 3 - subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Il-kwantitajiet li jridu jiġu kkunsidrati għall-applikazzjoni tal-Artikoli rilevanti huma l-kwantitajiet massimi li jkunu preżenti jew li jistgħu jkunu preżenti fi kwalunkwe ħin partikolari. Sustanzi perikolużi li jkunu preżenti fi stabbiliment biss fi kwantitajiet ugwali għal jew inqas minn 2 % tal-kwantità li tikkwalifika rilevanti għandhom jiġu injorati għall-kalkolu tal-kwantità totali preżenti, jekk il-pożizzjoni tagħhom fl-istabbiliment tkun tali li ma tkunx tista' taġixxi bħala inizjatur ta' inċident kbir x'imkien ieħor fuq il-post. | Il-kwantitajiet li jridu jiġu kkunsidrati għall-applikazzjoni tal-Artikoli rilevanti huma l-kwantitajiet massimi li jkunu preżenti jew li jistgħu jkunu preżenti fi kwalunkwe ħin partikolari ***inkluża l-kapaċità ta' ħażna installata jew awtorizzata, temporanja jew permanenti***. Sustanzi perikolużi li jkunu preżenti fi stabbiliment biss fi kwantitajiet ugwali għal jew inqas minn 2 % tal-kwantità li tikkwalifika rilevanti għandhom jiġu injorati għall-kalkolu tal-kwantità totali preżenti, jekk il-pożizzjoni tagħhom fl-istabbiliment tkun tali li ma tkunx tista' taġixxi bħala inizjatur ta' inċident kbir x'imkien ieħor fuq il-post. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kapaċità ta' ħażna installata għandha tiġi kkunsidrata.*

**Emenda 291**
**Carl Schlyter, Michèle Rivasi**

**Proposta għal direttiva**
**Noti għall-Anness I – paragrafu 3 - subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-kwantitajiet li jridu jiġu kkunsidrati għall-applikazzjoni tal-Artikoli rilevanti huma l-kwantitajiet massimi li jkunu preżenti jew li jistgħu jkunu preżenti fi kwalunkwe ħin partikolari. Sustanzi perikolużi li jkunu preżenti fi stabbiliment biss fi kwantitajiet ugwali għal jew inqas minn ***2*** % tal-kwantità li tikkwalifika rilevanti għandhom jiġu injorati għall-kalkolu tal-kwantità totali preżenti, jekk il-pożizzjoni tagħhom fl-istabbiliment tkun tali li ma tkunx tista' taġixxi bħala inizjatur ta' inċident kbir x'imkien ieħor fuq il-post. | Il-kwantitajiet li jridu jiġu kkunsidrati għall-applikazzjoni tal-Artikoli rilevanti huma l-kwantitajiet massimi li jkunu preżenti jew li jistgħu jkunu preżenti fi kwalunkwe ħin partikolari. Sustanzi perikolużi li jkunu preżenti fi stabbiliment biss fi kwantitajiet ugwali għal jew inqas minn ***1*** % tal-kwantità li tikkwalifika rilevanti għandhom jiġu injorati għall-kalkolu tal-kwantità totali preżenti, jekk il-pożizzjoni tagħhom fl-istabbiliment tkun tali li ma tkunx tista' taġixxi bħala inizjatur ta' inċident kbir x'imkien ieħor fuq il-post. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kwantitajiet taħt il-1% biss tal-kwantità rilevanti li tikkwalifika għandhom jiġu injorati, altrimenti l-potenzjal tar-riskju jkun fil-periklu li jiġi sottovalutat b'mod sinifikanti.*

**Emenda 292**
**Sabine Wils**

**Proposta għal direttiva**
**Noti għall-Anness I – paragrafu 3 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3 a. Fir-rigward tal-linji ta' pajpijiet barra mill-konfini tal-istabbiliment, il-limiti minimi u massimi huma bbażati fuq il-medja annwali tat-trasport. Għas-siti ta' ħażna permanenti jew intermedja, il-kwantità ta' referenza li għandha tiġi kkunsidrata hija l-kwantità massima ta'*** |

| | |
|---|---|
| | ***ħażna jew dik li tista' tiġi kkunsinnata f'jumejn tax-xogħol.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jingħataw punti ta' referenza biex jiġu stabbiliti kwantitajiet dwar il-limiti minimi u massimi tal-linji ta' pajpijiet.*

**Emenda 293**
**Sabine Wils**

**Proposta għal direttiva**
**Noti għall-Anness I – paragrafu 4 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) għaż-żieda tas-sustanzi u t-taħlitiet imsemmija fil-Parti 2 li huma kklassifikati bħala kategorija tossika akuta 1, 2 jew 3, flimkien mas-sustanzi u t-taħlitiet tat-taqsima H: H1 sa ***H3***. | (a) għaż-żieda tas-sustanzi u t-taħlitiet imsemmija fil-Parti 2 li huma kklassifikati bħala kategorija tossika akuta 1, 2 jew 3, flimkien mas-sustanzi u t-taħlitiet tat-taqsima H: H1 sa ***H6***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Konsistenti mal-proposta biex tiġi inkluża taħt il-Perikli tas-Saħħa, il-Kategorija tal-Karċinoġeni H6 1A u 1B*

**Emenda 294**
**Julie Girling**

**Proposta għal direttiva**
**Noti għall-Anness I – paragrafu 4 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Meta jkunu qed jiġu ddeterminati l-kwantitajiet li jikkwalifikaw, it-taħlitiet klassifikati bħala perikolużi għall-ambjent taħt it-Taqsimiet E1 u E2 fil-Parti 2, m'għandhomx jiġu kkunsidrati meta jkunu ppakkjati fi kwantitajiet limitati*** |

| | |
|---|---|
| | ***(pakkett intern sa 5 litri/kg u pakkett imħallat sa 30 kg) kif speċifikat fir-Regolament dwar it-Trasport ta' Merkanzija Perikoluża.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Hekk kif jiġri fil-każ tat-trasport, l-imballaġġ huwa mezz li permezz tiegħu jitnaqqsu r-riskji ta' rilaxxi inċidentali fl-ambjent, applikabbli kemm għat-trasport kif ukoll għall-ħażna. Jekk wieħed iqis li l-prodotti ppakkjati fi kwantitajiet limitati ma jikkawżawx periklu sinifikanti ta' inċidenti kbar, huma m'għandhomx jiġu kkunsidrati meta jkunu qed jiġu stabbiliti l-kwantitajiet li jikkwalifikaw.*

**Emenda 295**
**Cristian Silviu Buşoi**

**Proposta għal direttiva**
**Noti għall-Anness I – paragrafu 4 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4 a. Meta jkunu qed jiġu ddeterminati l-limiti, it-taħlitiet klassifikati bħala perikolużi għall-ambjent fit-Taqsimiet E1 u E2, Parti 2, ma jiġux ikkunsidrati meta jkunu qed jiġu ppakkjati fi kwantità limitata (imballaġġ intern li ma jaqbiżx il-5 litri/5 kilogrammi u imballaġġ imħallat li ma jaqbiżx it-30 kilogramma) kif previst mir-Regolament dwar it-trasport ta' merkanzija perikoluża.*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Hekk kif jiġri fil-każ tat-trasport, l-imballaġġ huwa mezz li permezz tiegħu jitnaqqsu r-riskji ta' rilaxxi inċidentali fl-ambjent, applikabbli kemm għat-trasport kif ukoll għall-ħażna. Jekk wieħed iqis li l-prodotti ppakkjati fi kwantitajiet limitati ma jikkawżawx periklu sinifikanti ta' inċidenti kbar, huma m'għandhomx jiġu kkunsidrati meta jkunu qed jiġu stabbiliti l-limiti.*

**Emenda 296**
**Patrice Tirolien, Gilles Pargneaux**

**Proposta għal direttiva**
**Noti għall-Anness I – paragrafu 6 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***6 a. Fil-każ taż-żejt tal-fjuwil tqil, il-limiti msemmija fil-linja "prodotti taż-żejt" tal-Parti 2 japplikaw biss għall-impjanti li jiġġeneraw l-elettriku li se jibdew joperaw mill-1 ta' Jannar 2023.*** |

Or. fr

**Emenda 297**
**Sabine Wils**

**Proposta għal direttiva**
**Noti għall-Anness I – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***7. F'każ ta' sustanzi u taħlitiet li jaqgħu taħt il-klassi ta' periklu H2 akuta tossika, Kategorija 3, rotot ta' esponiment mill-ġilda u minn inalazzjoni, fejn id-dejta għal din ir-rotta/dawn ir-rotot mhijiex/mhumiex disponibbli, estrapolazzjoni minn rotta oħra/rotot oħra gaħndha titwettaq abbażi tal-approċċ mogħti fir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet (b'mod partikolari l-punt 3.1.3.6.2.1. (a) u t-tabella 3.1.2 fl-Anness 1) u r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH) (b'mod partikolari, l-Anness I, it-taqsima 5.2 (stima tal-esponiment)), kif ukoll il-gwida relatata, disponibbli fuq:*** | ***imħassar*** |
| ***http://guidance.echa.europa.eu/docs/guidance_document/clp_en.pdf (mill-*** | |

***pagna 204).***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Peress li l-Anness I Parti 1 H2 Tossika Akuta - Kategorija tiġi estiża għar-rotot ta' esponiment kollha, in-nota bit-titoli mhijiex meħtieġa.*

**Emenda 298**
**Gaston Franco, Amalia Sartori**

**Proposta għal direttiva**
**Noti għall-Anness I – paragrafu 19 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19 a. Żjut essenzjali u sustanzi simili (1000/5000)*** |
| | ***Applikabbli għaż-żjut essenzjali u għas-sustanzi simili stipulati mill-istandard ISO 9235 minbarra dawk li jagħmlu parti mill-klassijiet ta' periklu tossiku akut Kategorija 1, ir-rotot ta' espożizzjoni kollha, Kategorija 2, ir-rotot ta' espożizzjoni kollha u Kategorija 3 assorbiment mill-ġilda jew minn inalazzjoni (ara nota 7), kif ukoll dawk li jagħmlu parti mill-klassi ta' periklu tossiku speċifiku għal ċerti organi fil-mira (STOT) - esponiment uniku Kategorija 1 .*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Il-limiti ta' periklu għall-ambjent akkwatiku ma jikkunsidrawx il-bidliet fil-klassifikazzjoni tar-Regolament 1272/2008. Il-limiti ta' 1000 / 5000 T huma aktar adattati għal dawn il-prodotti ta' oriġini agrikola, ippakkjati u maħżuna f'kartelli ta' 180 Kg netti, mingħajr riskju ta' effett domino, sakemm din il-ħażna tkun f'żona magħluqa sew u kumpatta. Numru ta' intrapriżi, ta' spiss SMEs li jispeċjalizzaw fi produzzjoni, ħażna, distribuzzjoni jew taħlita ta' żjut essenzjali se jkunu għaldaqstant klassifikati f'Seveso mingħajr ma jippreżentaw riskji ġodda ta' inċidenti kbar.*

**Emenda 299**
**Holger Krahmer**

**Proposta għal direttiva**
**Anness II – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) identifikazzjoni ta' stabbilimenti fil-qrib, kif ukoll siti, żoni u żviluppi oħrajn li jistgħu jżidu r-riskju jew il-konsegwenzi ta' inċident kbir u ta' effetti domino; | (c) ***Fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta jew imqiegħda għad-dispożizzjoni mill-awtoritajiet kompetenti, identifikazzjoni*** ta' stabbilimenti fil-qrib, kif ukoll siti, żoni u żviluppi oħrajn li jistgħu jżidu r-riskju jew il-konsegwenzi ta' inċident kbir u ta' effetti domino; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-informazzjoni, kif mitluba mill-proposta tal-Kummissjoni, mhijiex għad-dispożizzjoni tal-operatur u tista' tiġi pprovduta biss mill-awtorità kompetenti.*

**Emenda 300**
**Karl-Heinz Florenz**

**Proposta għal direttiva**
**Anness II – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) identifikazzjoni ta' stabbilimenti fil-qrib, kif ukoll siti, żoni u żviluppi oħrajn li jistgħu jżidu r-riskju jew il-konsegwenzi ta' inċident kbir u ta' effetti domino; | (c) identifikazzjoni ta' stabbilimenti fil-qrib, kif ukoll siti, żoni u żviluppi oħrajn li jistgħu jżidu r-riskju jew il-konsegwenzi ta' inċident kbir u ta' effetti domino***, anke fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet***; |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Skont l-argumentazzjoni tal-paragrafu 1 (g) tal-Artikolu 6 ("Notifika"), wieħed għandu jirrikonoxxi l-fatt li l-operaturi mhux dejjem ikollhom il-possibilitajiet legali biex jiksbu l-informazzjoni u li jista' jkun li l-għoti tal-informazzjoni jkollu jsir mill-awtoritajiet jew fuq inizjattiva tagħhom.*

**Emenda 301**
**Oreste Rossi**

**Proposta għal direttiva**
**Anness II – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) identifikazzjoni ta' stabbilimenti fil-qrib, kif ukoll siti, żoni u żviluppi oħrajn li jistgħu jżidu r-riskju jew il-konsegwenzi ta' inċident kbir u ta' effetti domino; | (c) ***skont l-informazzjoni pprovduta jew imqiegħda għad-dispożizzjoni mill-awtoritajiet kompetenti,*** identifikazzjoni ta' stabbilimenti fil-qrib, kif ukoll siti, żoni u żviluppi oħrajn li jistgħu jżidu r-riskju jew il-konsegwenzi ta' inċident kbir u ta' effetti domino; |

Or. it

*Ġustifikazzjoni*

*L-informazzjoni, kif mitluba mill-proposta tal-Kummissjoni, mhijiex għad-dispożizzjoni tal-operatur u tista' tiġi pprovduta biss mill-awtorità kompetenti.*

**Emenda 302**
**Carl Schlyter, Michèle Rivasi**

**Proposta għal direttiva**
**Anness II – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) identifikazzjoni ta' stabbilimenti fil-qrib, kif ukoll siti, żoni u żviluppi oħrajn li jistgħu ***jżidu*** r-riskju jew il-konsegwenzi ta' inċident kbir u ta' effetti domino; | (c) identifikazzjoni ta' stabbilimenti fil-qrib, kif ukoll siti, żoni u żviluppi oħrajn li jistgħu ***jkunu s-sors ta', jew iżidu*** r-riskju jew il-konsegwenzi ta' inċident kbir u ta' effetti domino; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Siti oħra wkoll jistgħu jkunu s-sors tar-riskju.*

**Emenda 303**
**Carl Schlyter, Michèle Rivasi**

**Proposta għal direttiva**
**Anness II – paragrafu 3 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) deskrizzjoni tal-proċessi, partikolarment il-metodi tal-operat; | (b) deskrizzjoni tal-proċessi, partikolarment il-metodi tal-operat ***skont l-Aqwa Tekniki Disponibbli (BAT) skont id-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali;*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-konformità mal-BAT għandha tkun parti mid-deskrizzjoni tal-proċess.*

**Emenda 304**
**Sabine Wils**

**Proposta għal direttiva**
**Anness II – paragrafu 3 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) deskrizzjoni tal-proċessi, partikolarment il-metodi tal-operat; | (b) deskrizzjoni tal-proċessi, partikolarment il-metodi tal-operat***, inklużi l-karatteristiċi tat-tagħmir u l-parametri tal-proċess kimiku-fiżiku***; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-ikkompletar tar-referenzi tad-definizzjoni u d-deskrizzjoni ta' proċess.*

**Emenda 305**
**Carl Schlyter, Michèle Rivasi**

**Proposta għal direttiva**
**Anness II – paragrafu 4 – punt a – subpunt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (ii) riskji esterni u sorsi ta' periklu, mill-effetti domino u minn siti, żoni u żviluppi oħra li jistgħu ***jżidu*** r-riskju jew il- | (ii) riskji esterni u sorsi ta' periklu, mill-effetti domino u minn siti, żoni u żviluppi oħra li jistgħu ***jkunu s-sors ta' jew iżidu*** r- |

| | |
|---|---|
| konsegwenzi ta’ inċident kbir; | riskju jew il-konsegwenzi ta’ inċident kbir; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Siti oħra wkoll jistgħu jkunu s-sors tar-riskju.*

**Emenda 306**
**Edite Estrela**

**Proposta għal direttiva**
**Anness III – paragrafu 1 – punt b – subpunt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) l-organizzazzjoni u l-persunal — ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-impjegati involuti fil-ġestjoni ta’ inċidenti kbar fil-livelli kollha tal-organizzazzjoni. L-identifikazzjoni ta’ ħtiġijiet ta’ taħriġ ta’ dan il-persunal u l-forniment ta’ taħriġ li jkun ġie identifikat. L-involviment tal-impjegati u tal-impjegati subkuntrattati li jaħdmu fl-istabbiliment; | (i) l-organizzazzjoni u l-persunal — ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-impjegati involuti fil-ġestjoni ta’ inċidenti kbar fil-livelli kollha tal-organizzazzjoni. L-identifikazzjoni ta’ ħtiġijiet ta’ taħriġ ta’ dan il-persunal u l-forniment ta’ taħriġ li jkun ġie identifikat. L-involviment tal-impjegati u tal-impjegati subkuntrattati li jaħdmu fl-istabbiliment***. It-titjib kontinwu tal-kultura ta’ sikurezza billi tinħoloq kuxjenza tal-organizzazzjoni dwar il-kontroll ta’ perikli ta’ inċident kbir***; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kultura ta’ sikurezza hija kwistjoni trasversali u tiġi valutata permezz ta’ rekwiżiti oħra, jiġifieri l-organizzazzjoni u l-persunal, sabiex tiġi inkluża l-ħtieġa li tinħoloq kuxjenza fost l-impjegati dwar il-kontroll ta’ perikli ta’ inċident kbir.*

**Emenda 307**
**Edite Estrela**

**Proposta għal direttiva**
**Anness III – paragrafu 1 – punt b – subpunt v**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(v) kultura ta’ sikurezza — miżuri biex tiġi vvalutata u mtejba l-kultura tas-*** | ***imħassar*** |

***sikurezza;***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kultura ta' sikurezza hija kwistjoni trasversali u tiġi valutata permezz ta' rekwiżiti oħra, jiġifieri l-organizzazzjoni u l-persunal.*

**Emenda 308**
**Gaston Franco**

**Proposta għal direttiva**
**Anness III – paragrafu 1 – punt b – subpunt v**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| v) ***kultura ta' sikurezza — miżuri biex tiġi vvalutata u mtejba l-kultura tas-sikurezza;*** | v) ***il-kontroll tar-riskji marbuta mad-deterjorament tat-tagħmir: inventarju tat-tagħmir tal-istabbilimenti; deskrizzjoni tal-istat inizjali tat-tagħmir fl-1 ta' Ġunju 2015 jew dakinhar li jibdew jintużaw jekk il-ġurnata tkun wara d-data msemmija; il-preżentazzjoni ta' strateġija stabbilita għall-kontroll tal-istat tat-tagħmir (modalitajiet, frekwenza, metodi, eċċ.) u għal segwitu ta' dawn il-kontrolli (metodoloġiji ta' analiżi tar-riżultati, kriterji biex jiġu stabbiliti azzjonijiet korrettivi ta' tiswija jew ta' sostituzzjonijiet, eċċ.); dawn l-elementi tal-istrateġija huma ġustifikati permezz ta' modi ta' degradazzjoni prevedibbli; ta' preżentazzjoni ta' metodoloġija ta' segwitu tar-riżultati tal-kontroll u tas-segwitu mogħti għal dawn il-kontrolli, u permezz ta' metodoloġija għall-interventi possibbli li jitwettqu fid-dawl ta' dawn ir-riżultati;*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Il-proposta għal taqsima ġdida fis-sistemi tal-ġestjoni tas-sikurezza maħsubin għall-ħolqien tas-sigurtà tidher vaga. Il-park industrijali Ewropew għadda ż-żmien minn fuqu u ftit li xejn*

*sarulu innovazzjonijiet. Sikurezza tajba teħtieġ tieħu miżuri ta' adattament (sorveljanza msaħħa, sostituzzjoni tal-aktar partijiet użati, ...) fl-operat kwotidjan meta mqabbel mal-prattiki użati meta l-fabbriki kienu għadhom ġodda.*

**Emenda 309**
**Vladko Todorov Panayotov**

**Proposta għal direttiva**
**Anness III – paragrafu 1 – punt b – subpunt vii a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(vii a) Sistemi tal-ġestjoni tas-sikurezza tal-operaturi għandhom jikkunsidraw il-potenzjal tal-aqwa teknoloġija tal-monitoraġġ u l-kontroll disponibbli biex jonqos ir-riskju ta' falliment tas-sistema u biex jiġu evitati inċidenti kbar.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-Anness III tal-abbozz ta' proposta jelenka rekwiżiti ta' sikurezza kif ukoll indikaturi tal-prestazzjoni tas-sikurezza u jirreferi għall-monitoraġġ tal-impjanti. L-aqwa teknoloġija disponibbli għandha tiġi kkunsidrata bħala mod kif tiġi ottimizzata s-sistema tal-ġestjoni tas-sikurezza tal-operaturi.*

**Emenda 310**
**Vladko Todorov Panayotov**

**Proposta għal direttiva**
**Anness III – paragrafu 1 – punt b – subpunt viii a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(viii a) L-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni l-informazzjoni dwar l-aqwa teknoloġiji disponibbli għall-kontroll ta' emissjoni f'impjanti industrijali stabbiliti fid-Dokumenti ta' Referenza tal-Aqwa Teknoloġija Disponibbli skont id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-*** |

***emissjonijiet industrijali (prevenzjoni u kontroll tat-tniġġis integrat) sa fejn ikun possibbli.***

Or. en

**Emenda 311**
**Carl Schlyter, Michèle Rivasi**

**Proposta għal direttiva**
**Anness V – Parti 1 – punt 5 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5 a. Sommarji mhux tekniċi tar-rapport dwar is-sikurezza*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Skont il-valutazzjoni tal-impatt mill-Kummissjoni, il-livell ta' protezzjoni jista' jiżdied ħafna bi prezzijiet relattivament baxxi billi s-sommarji mhux tekniċi tar-rapport dwar is-sikurezza jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fuq l-Internet.*

**Emenda 312**
**Carl Schlyter, Michèle Rivasi**

**Proposta għal direttiva**
**Anness V – Parti 1 – punt 5 b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5 b. Pjanijiet esterni ta' emerġenza*** |

Or. en

*(Marbuta mat-tħassir tal-Punt 5 fil-Parti 2 tal-Anness V (għandhom jiġu vvutati flimkien))*

*Ġustifikazzjoni*

*Il-pubbliku għandu jkollu aċċess dirett għall-pjan estern ta' emerġenza għall-istabbilimenti kollha, u mhux biss għal xi informazzjoni minnu għall-istabbilimenti tal-livelli ogħla biss. Skont il-valutazzjoni tal-impatt mill-Kummissjoni, il-livell ta' protezzjoni jista' jiżdied ħafna bi prezzijiet relattivament baxxi billi l-pjan estern ta' emerġenza jitqiegħed għad-*

*dispożizzjoni tal-pubbliku fuq l-Internet.*

**Emenda 313**
**Carl Schlyter, Michèle Rivasi**

**Proposta għal direttiva**
**Anness V – Parti 1 – punt 5 c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5 c. Informazzjoni adegwata dwar kif il-popolazzjoni konċernata għandha tiġi mwissija u tibqa' infurmata f'każ ta' inċident kbir.*** |

Or. en

*(Marbuta mat-tħassir tal-istess dispożizzjonijiet fil-Parti 2 tal-Anness V (għandhom jiġu vvutati flimkien))*

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-informazzjoni għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-istabbilimenti kollha b'mod liberu u mhux għad-dispożizzjoni tal-istabbilimenti tal-livelli ogħla biss.*

**Emenda 314**
**Carl Schlyter, Michèle Rivasi**

**Proposta għal direttiva**
**Anness V – Parti 1 – punt 5 d (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5 d. Informazzjoni adegwata dwar l-azzjonijiet li l-popolazzjoni konċernata trid tieħu, u dwar l-imġiba li din trid tadotta, f'każ ta' inċident kbir.*** |

Or. en

*(Marbuta mat-tħassir tal-istess dispożizzjoni tal-Punt 3 fil-Parti 2 ta' dan l-Anness (għandhom jiġu vvutati flimkien))*

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-informazzjoni għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-istabbilimenti kollha b'mod liberu u mhux għad-dispożizzjoni tal-istabbilimenti tal-livelli ogħla biss.*

**Emenda 315**
**Gaston Franco**

**Proposta għal direttiva**
**Anness V – Parti 1 – punt 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***6. Dettalji fil-qosor dwar l-ispezzjonijiet li jkunu saru skont l-Artikolu 19 u tas-sejbiet prinċipali mill-konklużjonijiet tal-ispezzjoni l-aktar reċenti, flimkien ma' referenza jew/link għall-pjan ta' spezzjoni relatat;*** | ***imħassar*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa indispensabbli li din id-dispożizzjoni titħassar, meta jitqiesu r-riskji għolja marbuta mal-pubblikazzjoni tan-nuqqasijiet iddikjarati fuq is-siti Seveso, minħabba użu potenzjali għal skopijiet terroristiċi u riskji ta' intelliġenza ekonomika.*

**Emenda 316**
**Holger Krahmer**

**Proposta għal direttiva**
**Anness V – Parti 1 – punt 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***6. Dettalji fil-qosor dwar l-ispezzjonijiet li jkunu saru skont l-Artikolu 19 u tas-sejbiet prinċipali mill-konklużjonijiet tal-ispezzjoni l-aktar reċenti, flimkien ma' referenza jew/link għall-pjan ta' spezzjoni relatat.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-inklużjoni ta' informazzjoni f'fuljett għall-pubbliku ġenerali, kif mitluba hawnhekk, pjuttost tikkawża inċertezza fost il-pubbliku. Id-dettalji tal-kwistjonijiet tal-ispezzjoni jkunu tekniċi żżejjed għall-membri tal-pubbliku. Għaldaqstant, l-informazzjoni għandha tkun limitata għal punti tassew importanti. B'mod partikolari, huwa importanti għall-membri tal-pubbliku li jkunu jafu kif għandhom iġibu ruħhom f'każ ta' inċident. Informazzjoni żejda ttellef minn dak li hu essenzjali.*

**Emenda 317**
**Daciana Octavia Sârbu, Rovana Plumb**

**Proposta għal direttiva**
**Anness V – Parti 1 – punt 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. ***Dettalji fil-qosor*** dwar l-ispezzjonijiet li jkunu saru skont l-Artikolu 19 ***u tas-sejbiet prinċipali mill-konklużjonijiet tal-ispezzjoni l-aktar reċenti, flimkien ma' referenza jew/link għall-pjan ta' spezzjoni relatat.*** | 6. ***Il-konklużjonijiet*** dwar l-ispezzjonijiet li jkunu saru skont l-Artikolu 19. |

Or. en

**Emenda 318**
**Gaston Franco**

**Proposta għal direttiva**
**Anness V – Parti 2 – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***1. Dettalji fil-qosor dwar it-tipi ewlenin ta' xenarji ta' inċidenti kbar u t-tipi ewlenin ta' avvenimenti li jista' jkollhom sehem biex jikkawżaw kull wieħed minn dawn ix-xenarji;*** | ***imħassar*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Għall-istess raġunijiet imsemmija fil-Parti 1 ta' dan l-Anness, jidher li huwa indispensabbli li*

*ma jiġux ippubblikati x-xenarji prinċipali tal-inċidenti kbar, aktar u aktar is-sorsi li jikkawżaw tali xenarji. L-unika informazzjoni li tista' tiġi diffuża hija s-sommarju mhux tekniku tal-istudju tal-periklu.*

**Emenda 319**
**Holger Krahmer**

**Proposta għal direttiva**
**Anness V – Parti 2 – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***1. Dettalji fil-qosor dwar it-tipi ewlenin ta' xenarji ta' inċidenti kbar u t-tipi ewlenin ta' avvenimenti li jista' jkollhom sehem biex jikkawżaw kull wieħed minn dawn ix-xenarji.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Tali informazzjoni dettaljata dwar xenarji ta' inċidenti kbar jikkawżaw biss biża' u inċertezza fost il-pubbliku, li għalih tali dettalji jkunu tekniċi żżejjed. Għaldaqstant, l-informazzjoni għandha tkun limitata għal punti tassew importanti. B'mod partikolari, huwa importanti għall-membri tal-pubbliku li jkunu jafu kif għandhom iġibu ruħhom f'każ ta' okkorrenza. Informazzjoni żejda ttellef minn dak li hu essenzjali.*

**Emenda 320**
**Carl Schlyter, Michèle Rivasi**

**Proposta għal direttiva**
**Anness V – Parti 2 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Informazzjoni adegwata dwar kif il-popolazzjoni konċernata għandha tiġi mwissija u tibqa' infurmata f'każ ta' inċident kbir.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*(Marbuta mal-emenda ġdida għall-Parti 1 tal-Anness V mill-istess awturi.)*

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-informazzjoni titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-istabbilimenti kollha b'mod liberu u mhux għad-dispożizzjoni tal-istabbilimenti tal-livelli ogħla biss.*

**Emenda 321**
**Carl Schlyter, Michèle Rivasi**

**Proposta għal direttiva**
**Anness V – Parti 2 – punt 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***3. Informazzjoni adegwata dwar l-azzjonijiet li l-popolazzjoni konċernata trid tieħu, u dwar l-imġiba li din trid tadotta, f'każ ta' inċident kbir.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*(Marbuta mal-emenda ġdida għal Parti 1 tal-Anness V mill-istess awturi.)*

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-informazzjoni titqiegħed għad-dispożizzjoni, b'mod liberu, tal-istabbilimenti kollha b'mod liberu u mhux għad-dispożizzjoni tal-istabbilimenti tal-livelli ogħla biss.*

**Emenda 322**
**Carl Schlyter, Michèle Rivasi**

**Proposta għal direttiva**
**Anness V – Parti 1 – punt 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***5. Informazzjoni xierqa mill-pjan estern ta' emerġenza li tinġabar biex jiġi ttrattat kwalunkwe effett minn inċident barra mis-sit. Din għandha tinkludi parir biex ikun hemm kooperazzjoni ma' kwalunkwe struzzjonijiet jew talbiet mis-servizzi tal-emerġenza waqt inċident.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*(Marbuta mal-emenda ġdida għall-Parti 1 tal-Anness V mill-istess awturi.)*

*Ġustifikazzjoni*

*Il-pubbliku għandu jkollu aċċess dirett għall-pjan estern ta' emerġenza għall-istabbilimenti kollha, u mhux sempliċement għal xi informazzjoni minnu fir-rigward tal-istabbilimenti tal-livelli ogħla biss. Skont il-valutazzjoni tal-impatt mill-Kummissjoni, il-livell ta' protezzjoni jista' jiżdied ħafna bi prezzijiet relattivament baxxi billi l-pjan estern ta' emerġenza jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fuq l-Internet.*

**Emenda 323**
**Åsa Westlund**

**Proposta għal direttiva**
**Anness V – Parti 1 – punt 7a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a (ġdid) Informazzjoni adegwata dwar kif il-popolazzjoni konċernata għandha tiġi mwissija u tibqa' infurmata f'każ ta' inċident kbir.*** |

Or. en

**Emenda 324**
**Åsa Westlund**

**Proposta għal direttiva**
**Anness V – Parti 1 – punt 7b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7b (ġdid) Informazzjoni adegwata dwar l-azzjonijiet li l-popolazzjoni konċernata trid tieħu, u dwar l-imġiba li din trid tadotta, f'każ ta' inċident kbir.*** |

Or. en

**Emenda 325**
**Holger Krahmer**

**Proposta għal direttiva**
**Anness VI – Parti I - punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kwalunkwe nar jew splużjoni jew skariku aċċidentali ta' sustanza perikoluża li tinvolvi kwantità ta' mill-anqas ***1*** % tal-kwantità li tikkwalifika stabbilita fil-kolonna 3 tal-Anness I. | Kwalunkwe nar jew splużjoni jew skariku aċċidentali ta' sustanza perikoluża li tinvolvi kwantità ta' mill-anqas ***5*** % tal-kwantità li tikkwalifika stabbilita fil-kolonna 3 tal-Anness I. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-istrettezza akbar proposta ma twassal għal ebda kisba fis-sikurezza. Il-prattika wriet li n-notifika skont il-limitu ta' 5% hija perfettament suffiċjenti. Għall-kuntrarju, il-proposta tal-Kummissjoni tfisser ammont għoli b'mod sproporzjonat ta' dokumentazzjoni kemm għall-operaturi u kemm għall-awtoritajiet.*

**Emenda 326**
**Sergio Berlato**

**Proposta għal direttiva**
**Anness VI – Parti I - punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kwalunkwe nar jew splużjoni jew skariku aċċidentali ta' sustanza perikoluża li tinvolvi kwantità ta' mill-anqas ***1*** % tal-kwantità li tikkwalifika stabbilita fil-kolonna 3 tal-Anness I. | Kwalunkwe nar jew splużjoni jew skariku aċċidentali ta' sustanza perikoluża li tinvolvi kwantità ta' mill-anqas ***5*** % tal-kwantità li tikkwalifika stabbilita fil-kolonna 3 tal-Anness I. |

Or. it

*Ġustifikazzjoni*

*Il-leġiżlazzjoni attwali tipprevedi kwantità mill-inqas ta' 5%. Il-proposta, billi tnaqqas tali limitu għal 1% tirriskja li twassal għal żieda sproporzjonata tal-inċidenti li għandhom jiġu rapportati mill-operaturi.*

**Emenda 327**
**Oreste Rossi**

**Proposta għal direttiva**
**Anness VI – Parti I - punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kwalunkwe nar jew splużjoni jew skariku aċċidentali ta’ sustanza perikoluża li tinvolvi kwantità ta’ mill-anqas ***1*** % tal-kwantità li tikkwalifika stabbilita fil-kolonna 3 tal-Anness I. | Kwalunkwe nar jew splużjoni jew skariku aċċidentali ta’ sustanza perikoluża li tinvolvi kwantità ta’ mill-anqas ***3*** % tal-kwantità li tikkwalifika stabbilita fil-kolonna 3 tal-Anness I. |

Or. it

*Ġustifikazzjoni*

*Il-limitu tal-kwantità propost mill-Kummissjoni jwassal għal żieda sproporzjonata fil-burokrazija kemm għall-operaturi u kemm għall-awtoritajiet kompetenti.*

**Emenda 328**
**Sabine Wils**

**Proposta għal direttiva**
**Anness VI – Parti I - punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kwalunkwe nar jew splużjoni jew skariku aċċidentali ta’ sustanza perikoluża li tinvolvi kwantità ta’ mill-anqas 1 % tal-kwantità li tikkwalifika stabbilita fil-kolonna ***3*** tal-Anness I. | Kwalunkwe nar jew splużjoni jew skariku aċċidentali ta’ sustanza perikoluża li tinvolvi kwantità ta’ mill-anqas 1 % tal-kwantità li tikkwalifika stabbilita fil-kolonna ***2*** tal-Anness I. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Id-definizzjoni ta’ inċident rilevanti tirreferi għal perċentwal ta’ limitu ogħla, mhijiex konsistenti għall-istabbiliment ta’ livell aktar baxx, għalhekk ir-referenza għal limitu f’kolonna 2 minflok f’kolonna 3 hija aktar xierqa.*

**Emenda 329**
**Sabine Wils**

**Proposta għal direttiva**
**Anness VII**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***[...]*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Kriterji ġodda għandhom jiġu adottati biss bil-proċedura tal-kodeċiżjoni*

**Emenda 330**
**Sabine Wils**

**Proposta għal direttiva**
**Anness VII – intestatura 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***KRITERJI GĦAL DEROGI SKONT L-ARTIKOLU 4*** | ***imħassra*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Kriterji ġodda għandhom jiġu adottati biss bil-proċedura tal-kodeċiżjoni.*

**Emenda 331**
**Gaston Franco, Françoise Grossetête, Amalia Sartori**

**Proposta għal direttiva**
**Anness VII**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| KRITERJI GĦAL DEROGI ***SKONT L-ARTIKOLU 4*** | KRITERJI GĦAL DEROGI |
| | ***Kull sustanza jew taħlita tossika jew tossika ħafna għall-organiżmi akkwatiċi ppakkjati f'unità ta' ħażna (kartell, eċċ.) li ma taqbiżx iż-0.2% ta' tunnellaġġ, jew hija ekwivalenti għal dan l-ammont indikat fil-kolonna 2, parti 1, Anness I (jiġifieri 400 kilogramma u 200 kilogramma rispettivament għas-sustanzi*** |

***u taħlitiet tossiċi/tossiċi ħafna għall-organiżmi akkwatiċi) ma tgħoddx għall-kwantità totali attwali jekk il-lokalizzazzjoni tal-ħażna fl-istabbiliment hija tali li rilaxx inċidentali tal-kontenut ma jkunx jista' jikkawża inċident kbir f'xi parti oħra tas-sit b'effett domino, u ladarba din il-ħażna tkun tinsab f'żona magħluqa sew u kumpatta.***

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Il-ħażna ta' inventarju żgħir ta' sustanza tossika għall-ambjent m'għandhiex tiġi kkunsidrata, meta titqies il-kwantità rilaxxata: rilaxx ta' sustanza tossika fl-ambjent, liema sustanza tkun maħżuna f'inventarju limitat, m'għandux l-istess konsegwenza fuq l-ambjent bħalma jkollu rilaxx f'post tal-ħażna.*

**Emenda 332**
**Edite Estrela**

**Proposta għal direttiva**
**Anness VII a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***KRITERJI GĦAL GĦAŻLA TA' STABBILIMENTI TAL-LIVELLI OGĦLA KOPERTI BL-OBBLIGU TA' IMPLIMENTAZZJONI TA' SISTEMI TAL-ĠESTJONI TAS-SIKUREZZA, SKONT IL-PARAGRAFI 4A U 4B TAL-ARTIKOLU 7*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din id-dispożizzjoni titratta l-inklużjoni ta' kriterji sabiex jintgħażlu stabbilimenti tal-livelli aktar baxxi koperti minn sistemi tal-ġestjoni tas-sikurezza, skont il-paragrafu 1a tal-Artikolu 7.*